# KTIEB IL QABLA

MIKTUB MILL

PROF. S. L. PISANI.

MALTA

1883.

Stampat minn P. Debono e Co., Nu. 39, quddiem San Jwann,
Valletta.

# LIL MIN YAQRA.

Billi sibna ħafif wisq l-alfabet fonêtku tas-*Società Semitica,* ħsibna u raina li niktbu bih dan il ktieb. Iżda billi l-istampatur ma kellux il G bis-sing fuqha ġal-leħen "ġain," ġeduielu yeħu ġal dak il-leħen il Ġ (bit-tikka).

# L-EWWEL TAQSIMA.

## FUQ IL JISEM U IT-TNISSIL.

Fil jisem tal bniedem insibu ġadam u laħam u ħafna ħweyyej oħra li yinħtieju ġal ħayya, ġan-nisel, biex naġarfu u nħossu kull ma hu ma dwarna.

Il ġadam u 'l laħam yaġmlu il qoxra, u il vixxri yinsabu jewwa, yeu f'ħofor, bħal ġainein li bihom narau, il widnein li bihom nisimġu, l-imnieħer li bih inxommu, il ħalq li bih intiġmu. Il ġadam yinħtiej biex niccaqalqu u nimxu, u biex yiksi il ħofor fein hemm il moħħ, il pulmuni, u il qalb. Il ġadam hu mwaħħal flimkien bi rbit, u xi naħħiet yiccaqlaq u naħħiet oħra mwaħħal ġal kollox. U hekk isir il qafas yeu *skeletru :* ġadam biss.

Il laħam li ikun imwaħħal bein żeuj ġadmict, iħarrikhom. Hemm ħafna ġadam, u min hu ġamla u min oħra : hemm ġadam twil, qasir, oħxon, catt. Il ġadam it-twil hu fid-dirġain, fis-saqain u fil kustilyi ; ic-catt, fir-ras, fil *pelvi*, u xi mkien iħor ; il qasir fir-rijel u fl-id. Dik il ġadma li iġidulha *ossu sagru*, hi ġadma ħoxna.

Issa dan il qafas hu maġmul kif seyyer

ingedilkom. Il wara fin-nofs hemm erba' u goxrin gadma, waħda fuq l-oħra, mwaħħlin aktarx tayyeb flimkien, li yisseyyħu *vèrtebri.* Daun il vèrtebri yagmlu bħal kolonna qegda fuk daura tal gadam li ngedulha *pelvi.* Ma tnax minn dauna il vèrtebri yeħlu il kustilyi, u beiniet l-ewwel seba' kustilyi ta fuq hemm gadma oħra mseyyħa *sternu.* L-ewwel seba' vèrtebri taħt ir-ras huma fil gonq, tnax fid-dahar, u ħamsa fil-*lombi.* Mal oħxon tal jisem il fuq hemm id-dirgain, u l-isfel is-saqain, u galhekk yistgu yisseyyħu truf tal jisem. Id-drig yaqbad mal jisem b'gadma waħda, li tixbaħ il bicca guda li biha ndawwru muftiħ yebes, u tisseyyaħ bit-talyan *klavìkola.* Dina bit-tarf tagha ta jewwa taqbad ma li *sternu* (gadma oħra li qiegda f'nofs sidirna, u bit-tarf l-iħor mqabbda ma gadma oħra mseyyħa *skapola* (l-imgarfa ta l-ispalla): gadma li qiegda f'daharna, u magha taqbad il gadma tad-drig—l'*òmeru.* Ma l-òmeru yaqbdu żeuj gadmiet oħra tad-drig ta quddiem, yeu tal-id: daun huma ir-*radiu* u l-*ulna.* Fl-aħħar tasal l-id, fein insibu sebga u goxrin gadm' oħra, li huma mqassmin hekk: tmienia fein tibda l-id, ħamsa fin-nofs, tnein fis-saba' il kbir, u tnax fis-swaba' l-oħra.

Is-sieq, mqabbda mal pelvi. L-ewwel hemm il *fèmuri* (il gadma tal wirk), mbagad zeuj gadmiet oħra: it-*tibia* u il *peruni* u fl-aħ-ħar ir-rijel li gandu gadam bħal id; iżda il gadma tal garqub hi mqassma f' żeuj

ġadmiet; galhekk f'lok tmienia bħal id, hemma fir-rijel sebġa biss.

Bein id-driġ ta fuq u ta l-id hemm il minkeb, u bein il wirk u 's-sieq hemm ir-rkobba.

Quddiem ir-rkobba mbaġad hemma ġadma ckeikna mseyyħa *patella.*

Is-snien ma humiex ġadam. Intom tafu li aħna il kbar ġandna tnein u tletin sinna: sittax kull xedaq. Iż-żġar ġandhom ġoxrin sinna biss, u iġidulhom tal ħalib, ġax yoħorju fiż-żmien tar-rdiġ. Is-snien yitqassmu hekk: snien li yaqtġu—tmienia fin-nofs, erbġa fuq u erbġa isfel—li icarrtu, yeu tal klieb: erbġa biss, tnein fuq u tnein isfel ma jemb dauk li semmeina qabel. Is-snien l-oħra iġattnu u yitħnu: hemm ġaxra fuq u ġaxra isfel. Mas-seba'snin isir it-tibdil tas-snien, u yibqa' seyyer sa wara li ikol·lna ġoxrin sena. Kif tafu, l-aħħar snien li noħorju, iġidulhom tal ġaqal, ġax yoħorju fil kobor.

Fir-ras hemm il moħħ li bih ir-ruħ taħseb, trid u tħoss. Jewwa il ħofra tal *vèrtebri* hemma is-sinsla tad-dahar, bħal moħħ iħor; beinhom u il jisem kollu hemm bħala ħyut boyod li huma in-nervi.

Fir-ras mbaġad ikun hemm il ġainein, il widnein, l-imnieħer u il ħalq bil lsien. Bil ħalq u bl-imnieħer aħna nieħdu in-nifs, bis-snien nomoġdu u bil lsien intiġmu. M'hux ġal xein l-imġid u it-teġim isiru flimkien. Yaħticj li l-ikel ikun mimġud tayyeb, u hekk

nithenneu bit-toġma. B'ħalqna nitkellmu; iżda il-lehen isir fil-*larinje*, il bidu sewwa tal moġdïa tal aria yeu tan-nifs. Il halq u l-imnieħer l-ura yatu f'hofra, mseyyħa *farinje*. L-imnieħer yiftah jewwa fiha b'żeuj toqbiet, (l-imnifsein ta wara); taħthom hemm il fetħa tal ħalq. In-naħħa ta isfel tal farinje hemm zeuj fetħat oħra: waħda tal larinje, l'oħra uraiha tal gerżuma. L-ewwel fetħa tati ġal pulmuni, l'oħra ġal li stônku. Il pulmuni huma tnein, fis-sider, wiħed kull naħħa: beiniethom hemm il qalb. Bein is-sider u iż-żaqq hemm qasma tal-laħam minn jewwa. Li stônku hu fiż-żaqq; fit-tarf tiġu tal-lemin tibda il musrana. Il bidu taġha hu bħal C; u dina hi il musrana tat-tnax. Uraiha tiji il musrana ir-rqieqa. Minn xi nofsha il fuq tisseyyah il musrana is-saima, ġax deyyem wara il meut tinsab fierġa. Wara din il musrana tiji il ħoxna. Beiniethom hemm bħal bieb li yiftaħ lein il ħoxna; il musrana il ħoxna taġmel bħal ħneyya mil lemin ġax-xellug, titqassam f'-dik li titla, ir-rieqda, li tinżel u l-imġawwja bħal S. Wara dina jewwa il pelvi hemm il musrana il wieqfa li tiftah fil fundament. Il fwied u 'l marrara qeġdin taht il kustilyi ta l-aħħar fil-lemin, u il milsa in-naħħa l-oħra tax-xellug. Wara li stônku hemm il frixa, u ma kull jemb tal vertebri tal lombi hemma il kliewi, li yinfdu ġal bużżieqa. Bein il bużżieqa u il musrana il wieqfa yinsab il juf u il ġant.

Il koll tafu li yekk inqegdu żerriġa fl-art, u nxarrbuha, wara żmien issir sijra bħal dik li minnha jiet. Fix-xahar ta Yannar yekk tqiġed żabra tal ward f'qasrïa bil ħamrïa, dik iż-żabra taġmel xitla tal ward. U intom tafu illi is-sijar yitnisslu ukoll bit-tilqim. Kullħadd iħor li ġandu ħayya, barra min dauk li kienu ta l-ewwel, ma yitnisslux bil bicca yeu biż-żerriġa bħas-sijar, imma ġalkemm m'hux kollha, yitnisslu bil baida. Ma dana kollu ġandkom tafu li xi ħayyin li yiccaqalqu u iħossu, minn dauk li Alla ħalaq ġall-ewwel, yekk inqattġuhom f'bicciet, kull bicca issir bħal dak li minnu jiet.

U hemm xi ſuħud minnhom, li il bicciet yibqġu ħayyin ġal żmien; u intom tafu kif bicca minn demb il gremxula tibqa titqaġwej, u kif daqqiet demb il gremxula li yibqa 'ma jisimha yarja isir demb kbir.

Il hayyin l-oħra yitnisslu mil baida. Tafu kif isiru il flicles. Il baida bis-sħana tal qroqqa tofqos. Iżda m'hux kull baida ta tijieja tofqos: yinħticj li tkun taiba, u tasserduq. Yekk titilqu kanala weħidha, ma taġmelx: yinħticj li ikun hemm mara u rajel, u il baid ma ikunx qadim. Iż-żrinjïêt, il ħut, l-aġsafar, il bheyyem il koll yitnisslu mil baida, u yinħtiej li ikun hemm mara u rajel. Dan ukoll yinħtiej fis-sijar; ikun hemm sijra mara u sijra rajel: bħat-tamar, il ħarrub u oħrain. Xi daqqiet il mara u ir-rajel yinsabu flimkien f'sijra waħda, kif ukoll yinsabu xi ħayyin li

ma humiex sijar. Il mara taġmel il baida u ir-ragel yaġmel ħaja oħra li tidħol jewwa il baida u taġmilha taiba ġan-nisel. Il ħaja li yaġmel ir-rajel ticcaqlaq u tmur issib il baida tal mara jewwa jisimha, yeu barra minnha. Fis-sijar itayyarha ir-riħ yeu yeħodha fuq il mara id-dud li itir. Ġan-nisel tal bniedem yinħtieju mara u rajel; u li dak li yaqbel mal baida tal mara yidħol jewwa fiha, u kif inġidu yaġmilha taiba biex issir jisem ta bniedem. Fil bniedem il baida tibqa jewwa il jisem tal mara, u wara żmien titwieled tarbïa. Hekk ukoll yijri fil bheyyem, fil baqar, fiż-zwiemel, fin-nġaj. Mela fin-nisel tal bniedem ġandha il mara ikolla jewwa fiha il ġanqud tal baid u fein il baida tista' tikber u mbaġad tofqos; dan hu il juf. Bein il ġanqud tal baid u il juf minn naħħa il waħda hemm il moġdïa tal baida, u il juf min-naħħa l-oħra yiftaħ fil moġdïa tat-tarbia, yeu fil ġant. Daun il hwey-yej huma ġan-nisel jewwa il jisem. Hemm oħrain li qeġdin barra. Xi uħud minnhom flimkien yisseyħu *vulva*, u qeġdin bein il wir-kein fein daun yeħlu mal jisem. F'hedin il vulva yiftaħ il ġant—u minn haun titwieled it-tarbïa. El-aħħar hemm fuq is-sider il ħobb, li yaġmel il ħalib ġat-tarbia wara it-twelid.

Il juf, il ġanqud tal baid, il moġdïa tal baida, il ġant bir-rbid taghom qeġdin jewwa il pelvi vera; iżda fil ħbiela il juf iġaddi fil pelvi falza u jo żaqq il mara. Il ħobb u il vulva qeġdin barra mil jisem. Il juf ġandu

il quddiem il bużżieqa tal beul, l-ura il musrana il wieqfa; yixbaħ lanjasa maqluba binnaħħa taż-żakk l-isfel u mfattra minn quddiem l-ura. Bit-tul tiġu qiġed fl-*asse* tad-daħla. In-naħħa ir-rqieqa tisseyyaħ ġonq u il bicca il wiesġa tisseyyaħ il jisem. Kemm il jisem u kemm il ġonq ġandhom daqxein ta ħofra jewwa fihom; il ħofra tal jisem u il ħofra tal ġonq. Minn jewwa bein il ħofor tal ġonq u tal jisem hemm il fomm ta jewwa u in-naħħa ta barra tal ġonq hemm il fomm ta barra, li yati jewwa il ġant. Il juf, ġair il fomm ta jewwa, ġandu żeuj toqbiet oħra in-naħħa ta fuq, li huma il fetħiet tal moġdïa tal baida, waħda kull naħħa fir-rkeyyen ta fuq, u il fomm ta jewwa qiġed fir-rokna ta isfel. Minn jewwa, il juf miksi bil *mukosa* bħal ma hu ħalqna, u minn barra miksi bil mindil, iżyed min-naħħa ta quddiem inkella minn wara. Il juf hu tallaħam, baidani barra mil ħbiela, u fil ħbiela aħmar u tas-saħħa. F'ġonqu hemm mqabbat il ġant, iżyed l-isfel il quddiem minn wara. Il fomm tal juf ta barra hu bħal ħuta meta il mara ma hix tqila, b'zeuj xuftein: ix-xoffa ta quddiem u ix-xoffa ta wara, li hi itwal mil oħra. Il moġdïa tal baid hi magmula bħala trumbetta, bid-deyyaq mwaħħla mal juf, u bil wasa' tagħa in-naħħa tal ġanqud tal baid; ġandha hafna fistuni, wiħed minnhom itwal u mwaħħal mal ġanqud. Meta ma hemmx baida biex tġaddi, tkun qeġda bħal lifġa.

Il juf hu miżmum fin-nofs bi rbit. Hemma

ir-rbit il wasa' wiħed kull naħħa, bein il juf u il pelvi; u bein iż-żeuj tebqat tigu tinsab il moġdïa u il ġanqud tal baid. Hemm ukoll ir-rbit l-imdawwar imqabbad mal juf in-naħħa ta fuq, quddiem fein tibda' il moġdïa. Minn hauna, iżyed l-isfel u il quddiem, iġaddi minn toqba li ġanna f'żaqqna mseyyha bit-talyan *kanale inguinale*, u yispicca fil ġolya ta *vénere*. Il *vajina* yeu ġant hi moġdïa tal laħam aħmar bein il vulva u il juf; min-naħħa ta jewwa tagħha hi ħarxa u tiftaħ fil vulva, b'fetħa mdawwra u magħluqa b'rita rqieqa li tisseyyah *imene*, ġax tinżamm bħal wirya tal virjnità. Iżda ma hux hekk; ġax mara tista' ma ikolliex *imene*, u tkun virjni. Il fdal tagħha wara li tinqasam, yinjabar ma dwar il fetħa tal ġant bħal ħafna felul li nġidulu *karùnkoli mirtiformi*. Fil vulva hemm ix-xuftein il kbar, iż-żgħar, il ġolya ta vènere, il *klitoride*, il fetħa tal bużżieqa, il fetħa tal ġant bl-imene, beiniethom ġolya ckeikna u fl-aħħar il furketta. Issa nġedilkom kif inhuma daun il ħweyyej kollha.

Ix-xuftein il kbar huma bħax-xuftein tal ħalq, iżda weqfin. Min-naħħa ta barra huma jilda u min-naħħa ta jewwa huma maħħatïa bit-talyan *mukosa*. In-naħħa ta barra tagħhom hemm ix-xagħar. Il fuk yaqbdu flimkien fuq is-*sìnfisi* tal *pube* fein hemm il ġolya ta venere bix-xagħar ukoll. In-naħħa ta wara yaqbdu ukoll flimkien, u hauna yisseyyaħ il ġaqda tal warrani. Bein din il ġaqda, yeu il vulva, u il fundament hemm il *perineu*. Yekk inbexxqu

ix-xuftein il kbar, nsibu li mil ġaqda tal war-rani il mukosa taġmel bħal tinya, kif hemm f'-ħalqna fin-nofs bein ix-xuftein u il ħanek ta isfel u ta fuq, dik li nseyyhu ħaita tal lsien. Ġair din it-tinya li bit-talyan tisseyyaħ *for-ketta*, li fil ħlas titqatta' deyyem, nsibu ix-xuftein iż-żġar. Daun huma tinya tal mukusa biss, qeġdin weqfin, yeħlu flimkien il fuq, u yintilfu f'xein in-naħħa ta isfel fil jenb tal fetħa tal ġant. Fein yeħlu flimkien hemm bħal felula twila ftit li tisseyyaħ *klitòride.* Taħtha hemm it-toqba tal bużżieqa, u iżyed l'isfel hemma fetħa oħra tal vajina, yeu ġant, li f'dauk in-nisa li ma wildux tkun maġluqa b'rita rqieqa mseyyħa *imene* bħal ma ġedna. Bein iż-żeuj fetħat tal bużżieqa u tal ġant hemm bħal ġolya ckeikna li tġîn'na meta irridu ndaħħlu il *kateter* fil bużżieqa minn ġair ma nikxfu il mara.

# IT-TIENI TAQSIMA.

## FUQ IL BAIDA.

Il baida issir fl-ovariu (ġanqud) darba fix-xahar, u f'dak iż-żmien il mara tara id-demm. Dana bit-talyan yisseyyaħ *mestruazioni.* U f'dan iż-żmien il mara toħroj tqila iżyed minn bein żmienha. Il baida taqa' jewwa il moġdìa, u tmur jo'l juf. Yekk tiltaqa' mad-dudu taż-żerriġa tar-rajel, yekk kollox ikun sewwa,

tingalla (issir taiba ġan-nisel). Inkella tintilef. Il mara tibda tara id-demm, minn xi erbatax il sena il quddiem, u tibqa' tara sa kemm ikollha xi erbġin sena. Id-demm li tara, meta yiji kull xahar ġall-ewwel ikun baidani u ftit, mbaġad ikattar u isir aħmar: hekk idum xi yumein, mbaġad inaqqas u yeqaf. Waqt żmienha il mara ma ġandiex tbati. Tista' tħoss ruħha maqtuġa, ma tiflaħx, ħobbha yintefaħ xi ftit, u yujaġha; iżda xein iżyed. Yekk, kif ġedtilkom, ma dwar dan iż-żmien, il mara ikollha x'taqsam ma żeujha, aktarx toħroj tqila. Il baida tingalla, u yibda fl'isfar taġha ix-xoġol biex isir bniedem iħor. Meta ikun ikun, kull bicca li hemm tan-nisel, bħallikieku, tixxettel u turi li saħħitha tikber. Dana tarauh jo'l juf li yijieħ demm iżyed, u yibda ukoll ix-xoġol fih li ibiddlu milli kien; ġax il juf fil ħbiela yiħxien, yikber, u yissaħħah. Laħmu mn-abyad isir aħmar, u yikber hekk li yimla żaqq il mara.

Yen narja nġedilkom fuk dan: ġal issa nieħdu il baida. Kif isir ma yidhirlix li ġandi nfissrilkom. Sa kemm il baida tasal jewwa il juf tġix bl-abyad taġha. Jewwa il juf issib bħal imħat li yiksiha min kull imkien, u yidhol jewwa fiha. Il baida trabbi bħal xniexel li yerdġu minn dan l-imħat, u bihom tibqa tġix sa kemm titrabba il bxima (bit-talyan *placenta*). Il placenta issir sat-tielet xahar kif seyyer nġid.

Ix-xniexel yikbru, yitwalu, u yitgezz'zu

f-dik in-naħħa tal baida li tħares lein il maħ-ħatïa tal juf, u din ukoll haun tintefaħ iżyed minn naħħiet oħra, u il moġdïet tad-demm, arterii u vini yikbru u ijerru demm iżyed. Ix-xniexel tal baida yoġdsu jo fihom min ġair ma itaqqbuhom. Waqt li qiġed yijri dana, yitrabbeu ukoll jo fihom moġdïet tad-demm, u yibda yijri fihom demm tat-tarbïa. Hekk ikun yista' dan id-demm tat-tarbïa iġaddi minn ma jenb id-demm ta l-omm, yeħu minnu dak li yinħtiej ġat-tarbïa, u ineħħi dak li ma yiswiex iżyed. Ġall-ewwel id-daura ta din ir-roqġa fein qeġda issir il placenta tkun kbira; maż-żmien tin-jabar f'-naħħa waħda. Ix-xniexel ukoll ma yibqkġux imxerrdin, iżda yinjabru ukoll u fl-aħħar il moġdïêt tad-demm kollha yaġmlu żeuj arterii u vina waħda, li yinbarmu fuq xulxin bħal ħabel u yitwalu. Ġalhekk il baida yeu it-tarbïa titbiġed mil juf, u beiniethom isir ftit tal wisa. Dan il ħabel li fit-tarbïa yibda fiż-żokra u iġaddi fil placenta, aktarx f-nofsha, yista' isir hekk twil li yintrabat yeu idur ma ġonq it-tarbïa darba yeu iżyed, u yoqtolha yeu yaqtġilha xi naħħa minn jisimha. Yisseyyaħ il ħabel taż-żokra. Fiż-żmien li qeġda issir il placenta u il ħabel taż-żokra it-tarbïa tikber, u qabel ma tkun maġmula ġal kollox il placenta, tkun tidher sewwa li hi tarbïa, u ikolla kull ma ġandu bniedem, Il kalb tkun bħal tal kbar; ikollha bħal erbat idyar (kmamar, tnein fix-xellug u tnein fil-lemin) fuq xulxin, u minn ta fuq id-demm iġaddi f 'ta 'sfel. Dak li ma

yibqax fil kbir hu li bein iż-żeujt idyar ta fuq fit-tarbïa jewwa il juf hemm toqba li minnha id-demm iġaddi mid-dar tal-lemin ġad-dar tax-xellug. Issa tistġu tifhmu kif id-demm yixxerred jo fih u idur fit-tarbïa u fil placenta. Id-demm mil placenta iġaddi mil vina taż-żokra; meta yasal fil fwied, bicca minnu tġaddi. Haun mbaġad tarja taqbad il bqïa, u flimkien imorru fid-dar ta fuq tal-lemin, iġaddi minn dik it-tokba bein iż-żeujt' idyar, u iġaddi collu fid-dar tax-xellug ta fuq. Minn din iġaddi f'ta isfel, u minn hemm yixxerred fit-tarbïa, aktarx lein ir-ras u id-dirġain. F'dik id-dar tal lemin yarja' yinjabar (bħal fil kbar) id-demm kollu tal jisem, iġaddi fid-dar ta 'sfel tal-lemin, u minn haun yarja' yoħroj u nieqes minn dak il ftit li imur fil pulmuni, yitħallat mad-demm li yilħaq nieżel l-isfel lein is-saqain li ikun ħarej mid-dar ta 'sfel tax-xellug u li ikun jie mil placenta. Minn dan id-demm hekk imħallat, meta yasal fein yibdġu it-truf ta 'sfel tat-tarbïa, ftit yibqa' seyyer ġal daun it-truf, il bqïa u l-iżyed iġaddi f'żeuj arterii, li ġax iġaddu miż-żokra, yisseyyħu taż-żokra, yidħlu fil ħabel, yiltweu mal vina, u yintilfu fil placenta. Din hi id-daura il kbira tad-demm fit-tarbïa. Daura żġira, bħal fil kbir, bein il qalb u il pulmuni hemma ftit fit-tarbïa. Tkun tasseu dina wara it-twelid meta il placenta ma tinħtiej iżyed u tinqata' mit-tarbïa. Id-daura issir mbaġad bħal fil kbir. It-toqba bein id-dyar ta fuq tal qalb tinsadd,

u moġdïet oħra yinsaddu li bihom id-demm mil vina taż-żokra yitħallat mad-demm ta jisem it-tarbïa. Id-demm tal vina taż-żokra hu demm tayyeb; id-demm taż-żeuj arterii hu ħażin u yinħtiej li yissewwa, ġalhekk imur fil placenta. Il placenta hi kollox ġat-tarbïa; ġaliex bħalna it-tarbia tġix u tikber fil juf. Yaħtiej li tiekol u tieħu in-nifs; u aħna ukoll bil ġaraq, bl-aurina u bi ħweyyej oħra nissaffeu. It-tarbïa taġmel dana kollu bil placenta. Yekk dina timrad, bħal min yimrad bl-istônku tiġu u ma yistax yekol, imut; hekk it-tarbïa, tmut ukoll. Yekk inti taġsar il ħabel taż-żokra, it-tarbîa tmut ukoll, ġax toħnoqha, ma tħallihiex tieħu in-nifs, bħal ma imut min ma yeħux nifs. Meta taġsar il ħabel tat-tarbïa, ma tmutx ġax ma tiekolx; ġaliex tifhmu li tista' toqġod ftit min ġair ma titreyyaq bla ma tmut. It-tarbïa tmut ġax yonqosha in-nifs.

Il placenta hia ħamra, u fl-aħħar tal ħbiela tixbaħ il ftira: bħalha mdawwra, wiesġa xi tmien pulzieri, id-daura taġha xi ġoxrin pulzier; aktarx fin-nofs ġandha it-tmiem tal habel taż-żokra. Tkun iżyed hoxna aktar ma tkun ckeikna; tqila minn nofs artal sa ratal, u ġandha żeujt ucuħ: wiħed iħares lein it-tarbïa, l-iħor lein il juf. Ta l-ewwel miksi bl-amnios, ġalhekk yiżloq; iżda taħt l-amnios ġandu il qsim tal arterii u il vina taż-żokra, u yixbaħ wisq il werqa tal pastard. Il wicc l-iħor, wara li il placenta tkun tqaxxret mil juf, hu aħrax u kollu ħotob. Il placenta tista' tkun

mwaħħla mal juf kullimkien, aktarx in-naħħa tal fomm tal moġdia tal baid, yeu in-naħħa ta fuq. Xi daqqiet teħel ma dwar il fomm tal juf. Il ħabel taż-żokra li hu magmul kif ġedtilkom, ikun miksi bl-amnios u min taħt dan bix-xaħam, oħxon daqs xi saba', twil daqs it-tarbia ta żmienha, xi ġoxrin pulzier: yista' ikun wisq itwal. L-haun u l-hemm ikollu ġoqod tax-xaham, daqqiet rabta tasseu, u fein yintemm f-żaqq it-tarbïa aktarx ikun oħxon, daqqa ikollu hauna ġokda xaħam yeu xi milwa tal musrana. Inqas ma ġanda żmien it-tarbïa, iżyed it-toqba taż-żokra hi qrib mil pube.

Fl-aħħar yinħtiej li nġhedilkom issa fuk ir-riti li yiksu it-tarbïa. Huma tlieta; tnein isiru mil bużżieqa tat-tarbïa, u uaħda mil juf. It-tnein tat-tarbïa huma il *korion* u l-*amnios*. Daun huma qeġdin, waħda jewwa l-oħra, il korion in-naħħa ta barra, lein il juf; l-amnios in-naħħa ta gewwa lein it-tarbïa. L-amnios nistġu nġidu li yibda miż-żokra mil jilda tat-tarbia. Yiksi il ħabel taż-żokra, il wicc tan-naħħa tat-tarbïa tal placenta, u il wicc tan-naħħa tat-tarbïa tal korion, u hekk yaġmel bużżieqa jo'l korion. Bein l-amnios u it-tarbïa hemm l-ilma tal amnios li yoħroj mil juf qabel it-tarbïa u li yaġmel l-isqïa.

# IT-TIELET TAQSIMA.

## X'IJJIB IL HBIELA.

Tifhmu malair illi mara ma tistax tkun tqila minn ġair ma titbiddel milli kienet. Nħallu fil jenb ġal issa li tiħxien; intom tafu kemm titbiddel fil leun, kemm tħossa ħażin, li ma tarax iżyed id-demm tax-xahar, u ħafna ħweyyej oħra. Yaħtiej li tkunu tafu x'yijri fil jisem ta mara fil ħbiela: x'yijri fil juf u fil bicciet l-oħra tan-nisel. Il juf yitbiddel wisq. Ckeiken u qiġed fil pelvi vera, yibda yikber ftit ftit, sa kemm yasal sa l-istônku. Ma yikberx bhal li kieku ħaja li tikber u tirqaq, yeu li tijjebbed; iżda yikber u yihxien. Tasseu li yibqa yihxien sa sitt-xhur tal ħbiela, u mbaġad yirqaq, imma fl-aħħar tal hbiela hu oħxon biż-żeyyed, u is-saħħa li ikollu hi kbira wisq. Is-saħħa yuriha bhal laħam l-aħmar kollu, meta yinjabar fuqu in-nifsu. Dan it-tibdil tal juf isir ġax ikollu iżyed demm aħmar; u minn dan id-demm isir ukoll dak l-imħat li yimla il juf ġall-ewwel tal hbiela. Il ġonq tal juf yitbiddel ukoll. Il fomm ma yibqax bħal xaqq fin-nisa li huma tqal ġall-ewwel darba; iżda isir mdawwar. Ma yibqax fieraġ, iżda yintela' b-imħat maġqud, u yinsadd bhal li kieku b-tapp. Iżyed, ma yibqax yebes; imma yirtab kollu, u fl-aħħar ħmistax ma yibqa' xein minnu. Ġalhekk yekk f'mara tqila ma nsibux il ġonk tal juf, imma nsibu biss il fomm tiġu ta barra, nistġu nġidu li hi fl-aħħar ħmistax

tal ħbiela. Il ġant u il vulva yinteħu, u il ġant isir seudieni u yaġmel ħafna mħat abyad. Il bżieżel yikbru, l-*arèola* tiswied, u ir-ras ukoll. Fl-areola „yidhru" bħal msiemer ekeiknin, u il vini yidhru iżyed. U xi nisa ikollom ukoll il ħalib. Imma il ħalib aktarx isir fl-aħħar tal ħbiela, yeu wara it-twielid. Leun il mara isir iżyed maġluq, f-wiccha tista' tittabba', l-iżyed fi-jbinha, u f-żaqqha ukoll; miż-żokra sal ġolya tal pube ikun yidher sink iswed. Kull ħadd yaf li mara tqila ġħall-ewwel tibda tbeżżaq, mbaġad tibda tħossa mdardra fil ġodwa; wara ftit taż-żmien tixħet: ġall-ewwel bħal ilma, mbaġad bili safra yeu ħadra u xi drabi l-ikel ukoll. Aktarx ġall-ewwel tal ħbiela ukoll, il mara tħoss toqla fil fundament, u trid tkecci l-aurina kull ħin.

Kif il juf yibda' yikber, yibda' yoġla, sa tliet xhur yibqa' jewwa il pelvi vera, ma l'erba' xhur iġaddi fiż-żaqq xi tlieta yeu erbat-iswaba fuq il pube. Fl-erba' xhur u nofs ikun bein iż-żokra u il pube, fil ħames xhur xi żeujt iswaba yeu tlieta l-isfel miż-żokra, mas-sitt xhur yilhaq iż-żokra, fis-seba' xhur ikun xi żeujt iswaba il fuq minnha; sat-tmien xhur yasal mal ġoli tal-istônku, imma fl-aħħar ħmistax yinżel xi ftit, u nġidu li żaqq il mara nqatġet. Qadd il mara yinfetaħ, ġax jisimha yitwassa', u ġax żaqqha tkun mġobbïa meta timxi, tinxeħet l-ura u ġalhekk u ġax l-aġqid tal pelvi yirtab xi ftit fil ħbiela, l-iżyed ġall-aħħar tal ħbiela m'hux biss timxi, kif iġidu,

mżaqq'qa, imma titbandal minn naħħa il waħda ġall oħra. Mil mixya, waħda tqila tinġaraf malair.

L-iżyed, minn-nofs il ħbiela il quddiem, billi il juf iġaddi fiż-żaqq u yibda iross ma dwaru, u iross l-imsaren il fuq, is-sider yickien, u id-demm kull imkien ma yijrix sewwa. Ġalhekk il qalb issib xi tbatïa biex teħles middemm, il pulmuni yijrilhom hekk ukoll, il fwied, il kliewi, il milsa, kollox ikollu demm iżyed; m'hux ġax il mara fil ħbiela taġmel demm iżyed. Mara tqila hi, bħal sijra mġobbia bil frott, maġluba; imma ġax id-daura taddemm tintaqa' ma ħafna tfixkil. Mbaġad innervi tal juf bil baida jo fiħ iniggżu il jisem kollu u ijibu fih ħafna taħwid.

Mara tqila, l-iżyed meta tġaddi nofs il hbiela, tibda tħoss nifsha yiqsar, sħanât, titfawwar ġal kull xein, u tafu kemm titqal maż-żmien. Mbaġad x'uħud yibku ġal xein, isiru, bħal ma iġidu, nervusi, beżżeġin; yekk waħda tkun ferrieha, fuk ruħha, ġandha mnein mhabba il hbiela issir qalbha seuda; x'uħud yijjenn'nu, oħrain yitbiddlu minn naħħa l-oħra. It-tqal isiru iħossu wisq. Haja, li meta huma ma ikunux tqal, ma taġmlilhom xein, meta ikunu tqal ikabbruha bla tarf. It-tqal ġalhekk ma yistġux yisimġu aħbarïet tal ferħ yeu tal ġali; ġaliex yistġu yarmu, yeu yista yaqbadhom xi treġid kbir, yeu ikollom telfa ta demm. Ma yistax ikun li ma tafux kemm il darba it-tabib kiteb li il fliena ma

tistax titla' quddiem l-imhallef ġaliex hi tqila. Ma tiftakrux ukoll illi ftit taż-żmien ilu, lil dik il mara ma ġallquhiex ġaliex kienet tqila, mhabba f'li kellha jo fiha? U fiż-żmienïet ta ilu, yekk wiħed li seraq, yeu li qatel, kien iżomm ma mara tqila, ma kienux yaqbduh u yeħduh.

Il mara waqt il ħbiela tista' timrad ukoll m'hux biss bħal nisa oħra, imma ġax hi tqila. Tista' tintefah, tista' taġma. Iżda dan ma ġanniex x'irriduh.

Dan kollu li ġedtilkom iġînna biex naġarfu il ħbiela; ġalhekk issa tifhmu x'inhuma is-*sintomi* tal ħbiela, u kif yitqassmu. X'uħud minnhom yiju min-nervi, oħrain milli il juf yikber. Yisseyyhu sintomi *dinámici* u sintomi *mekkánici.* Is-sintomi dinamici (dauk li yiju minn-nervi) huma:

It-titbiġ tal wicc,
Is-sing iswed taż-żaqq,
Is-swied tal arêola u tar-ras il beżżula,
Il kobor tal ħobb,
It-tbeżżiek,
Id-dardir u ix-xħit ta l-ewwel xhur tal ħbiela,
Ix-xeuqat tat-toqol,
It-tibdil tan-natural tal mara,
Il ħass tar-ruh u tal jisem (*sensibilità morale* o *fisica*),
L-uqif tad-demm tax-xahar, ġal kollox yeu le,

Xi ħaja li xi nisa iħossu fil ħbieliet tagħhom, bħal xi msiemer, xi tebgħa ħamra x'imkien, x'ujiġ.

Is-sintomi mekkânici huma dauk li yiju billi il juf yikber—sintomi tal kobor u tar-rass. Daun huma:

L-aurina kull ftit;

It-tqankil tal bużżieqa;

Il ħxuna tal vini tas-saqain;

It-taħbit tal qalb, u il ħmura u it-tifwir ta l-ewwel xhur, ġax id-demm ma yijrix sewwa in-naħħa ta isfel;

Ix-xħit, u ix-xħit tal bili tal aħħar xhur;

It-tkasbir tal beul;

In-nuqqas tan-nifs, l-ujiġ ta ras, il ħxuna tal vini fl-aħħar xhur;

In-nefħa tas-saqain;

Il kobor taż-żaqq, u it-tfellil tal jilda taż-żaqq fir-rqieq tagħha, ħamrani waqt il ħbiela u isir abyad wara il ħlas.

Daun is-sintomi kollha yiju billi il juf yikber u iross kull ma hemm ma dwaru, u icekken is-sider.

Xi uħud mis-sintomi tan-nervi idumu il ħbiela kollha; u xi uħud yeqfu mat-tliet xhur. Dauk li yeqfu aktarx mat-tliet xhur huma l-ewwel ħass ħażin ta mara tqila, it-tbeżżiq, id-dardir, u ix-xħit. Hemm nisa li yibqgħu iħossuhom ħażin il ħbiela kollha. Hafna minn dauna is-sintomi yonqsu maż-żmien. Iżda it-

titbiġ, il ħass iż-żeyyed, ix-xewqat u oħrain yibqġu iż-żmien kollu.

Mis-sintomi mekkanici xi uħud yidhru ġall-ewwel, ġax il juf yaġsar il musrana il wieqfa u il bużżieqa; u yonqsu, yeu ma yibġux, kif if juf yoħroj minn jo il pelvi wara it-tielet xahar tal ħbiela. Ġall-aħħar xhur, mis-sitta il quddiem, yiju oħrain, ġax il juf yikber, u yaġsar l-imsâren, il kliewi, il fwied, l-istônku, u yinbotta il fuq, u ġalhekk icekken is-sider. Dauna is-sintomi ikattru maż-żmien tal ħbiela. Ġalhekk ġall-aħħar żmien tal ħbiela il mara aktarx tkun batuta, minfuħa, ma tistax timxi, mdeyyka, bis-soġla, tobżoq xi demm, yeu tinfajar.

Dauna is-sintòmi tan-nervi, barra minn xi ftit minnhom, u dauk tal ġsir yiju ġax il juf yikber. Iżda il juf yista' yikber ukoll barra mil ħbiela, u iż-żaqq tikber meta tintela bl-ilma; id-demm tax-xahar yista' yeqaf wara qatġa, yeu yekk il mara timrad; is-saqain yintefhu f'xi mard; il mard tal istônku ijib ix-xhit, tal qalb ijib tferfir, tal pulmuni in-nuqqas tan-nifs; il mard tan-nervi il ħass iż-żeyyed. Dauna is-sintomi ġalhekk ma humiex tal ħbiela biss. Ġalhekk ma nistġux nġidu li mara hi tqila ġax ma kelliex id-demm ta xhûrha, yeu ġax hia mdardra u tixħet, yeu ġax ġandha it-tqanziħ, u żaqqha kibret, tonfoħ u ma tistax timtedd u timxi. Kull ma nistġu nġidu hu li din il mara tista' tkun tqila. Ġalhekk dauna is-sintòmi iġidulhom "razionali." Sintom wihed waħdu

ma yista' iflsser xein. Biex daun is-sintomi ikunu yisweu ġal fein irriduhom, biex nistġu nġidu li mara hi tqila, ikun yinħtiej deyyem li dauna is-sintomi yiju wihed wara l-ihor, u kif ġandhom yiju. Wihed l-haun u l-hemm ma iġid xein. Fl-ewwel tliet xhur il ħass ħażin tal istônku, it-titbiġ, il kobor tal ħobb, in-nuqqas tad-demm, il ħass iż-żeyyed. Wara tliet xhur nibdġu nħossu ħaja yebsa il fuq mil pube li tibqa' tikber (li hia il juf); u toġla maż-żmien tal ħbiela; ma din yintefaħ il qadd u il mara tibda tiħxien. Is-sintomi tal-ewwel tliet xhur yonksu u imorru; imma il mara tibqa' ma tarax, ħobbha yibqa' yikber u ġandu mnein yaġmel ftit ħalih u yujaġha. Meta is-sintomi yiju hekk kif ġedtilkom, ftit yonkqos biex minnhom biss ma nġedux li il mara hia tqila. Barra minn daun is-sintomi razionali li yiju fil ħbiela, u yistġu yiju ukoll meta mara ma tkunx tqila, hemm oħrain li ma yidhrux yekk il mara ma tkunx tqila. Dauna is-sintomi yisseyyhu "*positivi:*" sintomi sewwa tal ħbiela. Huma ic-caqliq, yeu tiħrik tat-tarbia, u il ħseyyes ta qalbha li nistġu nisimġuhom meta nqîġdu widnitna fuq żaqq l-omm. U hekk nsibuhom bla qerq, nistġu nġidu illi il mara tqila. Meta mara trid taf yekk hïex tqila minn'na, nistaqsuha yekk tħossx it-tarbïa. Ġanna niftħu ġaineina li ma nit-qarqux aħna u qeġdin inticcu yekk it-tarbïa titħarrekx, u qabel ma nġidu lil waħda li hi tqila. Yekk tkun mara bla rajel, ma nġiduliex

addocc li hi tqila. Minn xi daqqiet oħra, iżda, mara trid tqarraq bina, u ijjaġalna nġidu li hia tqila meta ma hix; ġax hekk yaqblilha, yeu ġax tixtieq li ikollha it-tfal. Ġalhekk ġandkom tidrau tħossu it-tarbïa. Is-sintomi positivi yidru mill-erba' xhur u nofs il quddiem. L-iżyed li titħarrek it-tarbia meta tkun ġadha ckeikna; ġax ikollha wisa' iżyed.

It-taħrik tat-tarbïa hua yeu tqallib ta jisimha kollu, yeu bħal tmattir ta dirġaiha, yeu saqaiha. It-tqallib yinħass bħal ħaja kbira li ticcaqlaq kollha, iżda it-taħrik tad-dirġain u issaqain hu bħal daqqa ta żeuj. Îdna li tkun fuq żaqq il mara tħoss bħal daqqa minn jewwa. Biex inħossu it-tarbïa titħarrek, irridu naġsru îdna fuq żaqq il mara xi daksxein, yeu inxarrbuha bl-ilma kiesaħ.

Il ħseyyes ta kalb it-tarbïa, bħal fil kbar, yinstemġu tnein, wiħed wara l-iħor malair, mbaġad yisktu ġall ftit, u yerjġu bħal l-ewwel. It-tnein flimkien, yixbħu lit-tektik ta arlojj tal but mgeżwer bic-craret, u ġandhom, li ma yaqblux mal polz, mat-tektik ta qalb ta l-omm. U sabiex nisimġuhom, yaħtiej ikollna *stetoskopiu.* It-tarf ta 'sfel ta dan l-istrument yoqġod fuq żaqq il mara; fuq in-naħħa l-oħra toqġod widnitna. L-ewwel ma ġanna nqeġdu l-istetoskopiu fin-nofs ta linya mijbuda bein iż-żokra u ix-xeuka tal iliu tax-xelluk. Yekk ma nisimġu xein, inqeġduh in-naħħa l-oħra, yekk ukoll hauna ma nisimġu xein, inqeġduh fin-nofs bein iż-żokra u il pube, u yekk haun anqas ma

nisimġu qalb it-tarbïa, nqiġdu l-istetoskopiu il fuk miż-żokra, u fid-dahar tal mara, fil-jenb u bein il kustilyi u ix-xifer tal îliu. F'xi nisa, l-iżyed f'dauk li kellhom tfal qakel, yekk ma ikunux smien żeyyed, nistġu ukoll inħossu it-tarbïa b'ideina. Aħna nistġu nikxfu li hemma xi ħaja fil juf billi ncaqalquha. Imma x'inhi, hïex tarbïa yeu xi ħaj' oħra ma nistġux inġidu. Tas-seu illi billi dana nkunu nistġu nafuh minn-nofs il ħbiela il quddiem, nistġu nġaddu minn ġairu, ġax it-tarbïa titħarrek, u qalbha tista' tinstama'; imma xi daqqiet yinħtieg ukoll li nafu li fil juf hemm xi ħaja li b'ideina nistġu nħarrkuha. Arau kif nistġu nħarr-kuha. Il juf bit-tarbïa yixbaħ bużżieqa kbira mimlïa bl-ilma. Yekk inqeġdu jewwa din il bużżieqa xi ħaja, nġidu baìda ta tijieja, u nqeġdu żeujt iswaba taħt il bużżieqa u nerfġu-hom il fuq f-daqqa waħda, il baìda minn jewwa toġla u tarja taqa' fuq subġaina. Hekk yijri fil juf. Nqeġdu subġaina tal-lemin, it-tieni u'ttielet heda xulxin, midlukin b'-naqra żeit, fil vajina, (kif inġedilkom il quddiem), u nqeġduhom fuq il ġonq tal juf minn naħħa ta wara; îdna tax-xellug inqeġduha fuq żaqq il mara biex tir-fed il juf. Il mara toqġod bil wieqfa, daħarha mal ħait. Mbaġad indaħħlu subġaina. F'daqqa waħda nerfġu subġaina il fuq, u nistenneu ftit biex inħossu yekk taqax xi ħaja. Naġmlu hekk iżyed minn darba waħda, sa kemm inħossu, yeu naqtġu yêsna li ma hemm xein jewwa il juf.

Dina l'-operazioni tis-seyyaħ bit-talyan

"ballottamento," u kif ġedtilkom, l-iżyed li tista' issir ġal ħabta ta nofs il ħbiela, meta it-tarbïa ma tkunx kbira wisq u ikōllha ġad il wisa fil juf li wiħed yista' iħarrikha.

Il ħbiela titqassam fi ħbiela sewwa u falza. Il ħbiela sewwa hia dik meta tas-seu hemma baìda jewwa jisem il mara li qeġda tikber. Il falza meta il mara turi xi sintomi tal ħbiela, iżda ma ikunx hemma baida; dauna is-sintomi ikunu tal mard.

Il ħbiela titqassam fi ħbiela fil juf u ħbiela barra mil juf. Il baida wara li tkun ingallata, tista' tibqa' fil ġanqud tal baid, u tikber: il ħbiela tkun *ovàrika* inkella teħel, u tikber fil moġdïa tal baida; il ħbiela tkun *tubaria.*

Xi daqqiet il baida tingalla fil ġanqud, iżda billi il moġdia tal baida tkun ratba, yeu ġal xi ħaj' oħra, il baida taqa' jewwa iż-żaqq ma l-imsaren—il ħbiela tkun *addominali.*

Mbaġad il ħbiela tista timxi sewwa, kollox yijri kif ġandu ikun, ma ikunx hemm ħass ħażin żeyyed, il ħbiela tkun *normali.* Yekk yinqala' xi mard, sewwa fil jewwieni tan-nisel, kemm ukoll xi mkien iħor, il ħbiela tkun marida, yeu *morbusa.*

Il ħbiela tista tkun ta-tarbïa waħda, yeu ta iżyed minn waħda: tnein, tlieta, erbġa.

Il ħbiela iddum, yeu il mara iddum tqila, ġaxar xhur tal qamar, yeu disa' xhur tax-xemx, yeu erbġin jimġa, yeu mitein u tmenin jum. Aktarx il mara ma tieħux daż-żmien sewwa. Teħles xi ftit qabel yeu wara. Iżda ma ikunx

hemm xahar, l-anqas jmieġi. L-iżyed li tista' iddum hu xi jimġa yeu qabel. Ta l-ewwel jehilsu iżyed xi ftit qabel, yeu wara.

Il ħbiela tista' ma 'ddumx iż-żmien li ġedtilkom. Yista' yijri il ħlas qabel, iżda ma ikunx sewwa, ġax il ħbiela ġanda iddum iż-żmien li ġedtilkom. Yekk it-tarbïa titwieled meta tkun kbira biż-żeyyed li tista' tġix, il ħlas ikun qabel il waqt. Dana yista' yijri mis-mis-seba' xhur u nofs. Iżyed ma 'l ħbiela iddum, iżyed it-tarbïa tista' tġix. Yekk tit-twieled qabel seba xhur u nofs, aktarx ma tġîxx. Iżyed ma tkun ckeikna anqas tġix. Yekk ma tistax tġix tisseyyaħ rimi, u nġidu li il mara rmiet: ma ħelsetx.

Issa nġedilkom kif ġandkom tġoddu il ħbiela, u ġalhekk kif issibu meta waħda ġandha teħles. Sewwa sewwa ma nistġux insibu dey-yem f'liema xahar tal ħbiela hi mara, ħlief meta il mara ma kelliex x'taqsam ma żeujha ħlief darba. Fi ħmistax il yum nistġu deyyem nitqarqu. Ghandna nġoddu bil yum, m'hux bix-xahar. Nsaqsu lil mara meta rat l-aħħar u meta waqaf id-demm; inżidu tmient' iyem l-ura, u nibdġu nġoddu minn hemm. Bħal li kieku waħda rat żmienha fl-ewwel ta Yannar, id-demm waqaf fil ħamsa tax-xahar; ġalhekk ġandna nibdġu nġoddu mis-sebġa yeu tmienia u ġoxrin ta Decembru:—Erbat'iyem minn Decembru,

| | | | |
|---|---|---|---|
| 31, Yannar, | kollu | 31, Marzu, | kollu |
| 28, Frar; | ,, | 30, April, | ,, |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 31, Meyyu, | kollu | 31, Awwissu | kollu |
| 30, Junyu, | ,, | 30, Settembru, | ,, |
| 31, Lulyu, | ,, | 30, Ottubru, | ,, |

Minn wiħed sa iħor din il mara teħles, ġal-l-ewwel ta Ottubru. Biex ma nitqarrqux ġanna nkunu nafu ukoll meta ħasset it-tarbïa, ġax dana yijri f'nofs il ħbiela, mal ġoxrin jimġa. Ġandna ukoll narau il ġoli tal juf yekk yaqbelx maż-żmien li natu lil ħbiela. Iżda ġandkom tkunu tafu li f'mara li kellha it-tfal qabel, il juf ma yoġliex hekk sewwa kif ġedtilkhom: yibqa' daqxein iżyed l-isfel.

Meta il ħbiela hi ta tarbïa waħda, iż-żaqq tkun mdawwra u wieqfa fin-nofs, meta hi ta tnein tkun mħattba, mdawwra fil jnieb u watia fin-nofs, u iż-żaqq tkun ikbar u b'ideina nistġu ukoll naġarfu li ħemm żeujt itrabi. U nħossu żeuj tektik tal qalb: wiħed kull naħħa, u beiniethom ma nisimġu xein, yeu tektik anqas qawwi milli fil-jnieb, u bil ġadd f'minuta yeu bi stetoskopiu taż-żeuj insibu illi it-tektik ta naħħa ma yaqbelx ma dak tan-naħħa l-oħra.

Meta hemm tarbïa waħda, kif ġedtilkom tkun jewwa il qxur ta baida waħda, u meta hemm tnein, kull waħda yista' ikolla qxur wiħed, yeu kull wiħed ikollu amnios ġalih, u it-tnein ikunu jewwa korion wiħed, inkella iż-żeujt itrabi ikunu flimkien jewwa korion u amnios wiħed.

Meta hemm iżyed minn tarbïa waħda, il ħlas yijri ftit qabel iż-żmien. Mbaġad m'hux deyyem yitwieldu wiħed wara l-iħor. Fl-ewwel

kas yistġu yitwieldu wiħed uara l-iħor, xi daqqiet iġaddi ftit taż-żmien; minn xi siġat sa jmieġi. Fit-tieni kas yitwieldu fl-imkien, xi siġa bein wiħed u l-iħor. Fit-tielet kas ma ikunx hemm żmien bein wiħed u l-iħor. Deyyem, mbaġad, yekk kull tarbïa ikolla amnios ġaliha, ikun hemm sqïa ġal kull wiħed.

## IR-RABA TAQSIMA.

### FUQ IT-TARBÍA.

Tisseyyaħ *jerme*, (żerriġa) meta ma ġandiex xebħ, ġall-ewwel xahar;
*embrione*, sat-tļiet xhur, u f-dan iż-żmien tkun saret il placenta;
*feto*, mit-tliet xhur il quddiem;
*rimi*, meta yitwielet qabel il waqt, u ma yistax yibqa' iġix;
*tarbïa*, meta tista' tibqa' tġix.

Ġad illi il jerme ma ġandux xebħ, ġandu ruħ; u meta mara tarmi fl-ewwel xhar, yekk issibu il bużżieqa tal baida mad-demm, sewwa yekk hemm ix-xebħ yeu le, ġandkom deyyem tatu il maġmudïa, bil condizzioni, kif iġidu. Iżyed ma yoħroj mil juf kmieni, anqas in-nisel tal bniedem yista' iġix. Fil ħames xhur ikun twil minn tmienia sa disa' pulzieri, tqil minn tnax sa erbatax l-uqïa. Sal ħames xhur ma idumx ħayy ħlief ftit siġat. Meta ikollu sitt xhur ikun twil minn ħdax sa tnax ïl pulzïer, u

yiżen min sitta u ġoxrin sa tletin uqïa. Yitħarrek sewwa u iwerżaq. Mis-seba' xhur il quddiem yibqa' hayy; iżda deyyem ikun yista' imut aktar malair minn tarbïa ta żmienha. F'din, it-tul hu ta xi ġoxrin pulzier, tiżen xi wiżna, iż-żokra hi ftit l-isfel minn-nofs it-tul tat-tarbïa, il jilda hi baida ħamranïa, ix-xaġar twil, id-dufrein twal sa tarf is-saba', u misseba' xhur il quddiem jisimha ikun miksi bixxaħam safrani; u iżyed ma toqrob lein żmienha, iżyed ikollha minn dan ix-xaħam.

It-tarbïa jewwa il jüf tkun mkebb'ba fuqha in-nifsha, jisimha mdawwar, rasha mitwîa fuk ġonkha, dirġaiha msallba fuq in-naħħa ta wara ta wirkeiha. Tkun donnha seu sewwa baida. Il wasa' tal baida ikun in-naħħa tar-ras, u id-deyyak in-naħħa l-oħra. It-tarf il wasa, ġalhekk yisseyaħ tar-ras yeu il quddiemi, it-tarf id-deyyaq yisseyaħ tas-saqain yeu tal warrani. It-tarf il quddiemi aktarx ikun mdawwar l-isfel, u tal warrani il fuq, u dahar it-tarbïa aktarx ikun iħares lein ix-xelluk u il quddiemi tal omm.

F'ras it-tarbia hemm żeuj naħħiet: waħda dik li nġedulha ras bix-xaġar, u dik li nġedulha wicc. Il bicca tar-ras hi mdawwra u ġair il kobor, ma hix bħal tal kbar, ġax il ġadam tagħha ikun ġadu ma ġaqadx ma xulxin u xi bnadi bein il ġadam hemm in-nukkas. Bein il ġadam yisseyyaħ sutura (ħyâta) ġax bein il ġadam fil kbar, il ġaqda tagħom tixbaħ tas-seu il ħyata. U ġaliex il ġadma ta jbin hi maq-

suma, fit-tarbïa hemm ħyata iżyed minn fil kbar.

Il ħyatat kollha fit-tarbïa ġandhom xifer aħrax kull naħħa, ix-xifer tal ġadam, li yinħass min taħt il jilda tar-ras. U beiniethom insibu li ma hemmx ġadam, iżda hu fieraħ, u hemm jlud biss. F'ras it-tarbïa yinħtieġ illi il ġadam ma ikunx mwaħħal, bħal fil kobor, sabiex waqt il ħlas tista' tickien, u ġax il moħħ ġad ġandu yikber. Kull ħyata li hemm ġandha isem, iżda aħna ma ġanniex inkunu nafu ħlief xi uħud minnhom. Lewwel ħyata, ġax dik l-iżyed nficcu waqt il ħlas, hi il bi-parietali, ġax keġda bein ix-xifer ta fuq taż-żeuj parietali u frontali, yeu tan-nofs. Bein l-occipitali u ix-xifer ta wara tal parietali hemm il ħyata *lamdoidi*, ġax tixbaħ l-elle griega li tisseyaħ *lamda*. Bein iż-żeuj nofsïet tal frontali, hemm il ħyata kurunaria. Tifhmu illi il ħyata tan-nofs tibda mir-rokna tal ħyata lamdoidi, u ticqaf fein yibda l-imnieħer. Il ħyata kurunaria taqsamha f'bicca ta wara bein il parietali, u f'bicca ta quddiem bein iż-żeuj nofsïet tal frontali. Fein yissallbu daun iż-żeuj ħyatat, parietali u frontali, hemm l-akbar nuqqas ta ras it-tarbïa: il funtanella ta quddiem. In-nuqqas kollu yisseyyaħ funtanelli.

Il funtanella ta quddiem tiswa wisq, ġax tġarrafna in-naħħa ta fein fil ħlas ikun iħares jbin it-tarbïa, u kif tkun qieġda rasha. Din il funtanella tinsab bein ir-rkeyyen ta fuq tal parietali u tal frontali. Donnha maktur li

ġandu żeujt irkeyyen fit-truf, u tnein oħra fil jnieb. Ir-rokna ta wara hi f'tarf il bicca ta wara tal ħyata tan-nofs, ir-rokna ta quddiem hi fil bidu tal ħyata frontali, ir-rokna ta kull jenb hi fil bidu taż-żeuj nofsïet tal ħyata kurunaria. Naġarfu b'sebaġna liema rokna hia li immissu, ġax mir-rokna ta quddiem sebaġna yinżel fuq l-imnieħer, u irrokna ta fuq tieħdu ġal ħyata parietali.

Hemma funtanella oħra mseyyħa ta wara. Tinsab fein tibda il ħyata lamdoidi—Dina hia ckeikna wisq, u f-tarbïa ta żmienha tinsab maġluqa—iżda il ġadam yibqa' yitħarrek, ġalhekk yekk irrossu ir-rokna ta fuq tal occipitali inħossu li hia yebsa u tinżel. Il funtanella ta quddiem ma fihiex ġadam, u yekk irrossuha ftit b'sebaġna, insibuha ratba ġax hi mimlïa b'rita biss.

Fir-ras hemma ħames ħtiebi—tnein, waħda kull naħħa fil parietali; tnein fil jbin, u waħda fil occipitali. Naġarfu liema ħotba hi, mill funtanelli u ħyatat. U yekk nħarsu lein ir-ras minn fuq narau li tixbeħ il baida, bid-deyyaq lein il jbin, u mfattra daqxein fil jnieb. U fein ma haraux iżyed il ġaynein emma id-daura tar-ras li hia twila xi tnax il pulzier. U yekk nħarsu lein ir-ras minn quddiem, nsibu li il wicc ukoll hua bħal baida—bein il leħia u in-naħħa ta isfel tal jbin, u id-daura tagħa hia twila xi tmien pulzieri. Biex nistġu nifhmu kif tġaddi mill pelvi vera ras it-tarbïa, u iccaqliq tagħa, yinħtiej li tafu x'qisien ġandha.

Dauna huma:

Il mento-occipitali
L-occipito-frontali
Il mento-frontali
Il bi-parictali
Il bi-temporali.

Hemma oħrain, iżda ġalikom dauna biżżeyed.

Il mento-occipitali yittieħed bein il-leħya u il ħotba tal occipitali, hua twil xi ħames pulzieri.

Il mento-frontali bein il-leħia u l'oġla tal jbin, hu ftit iżyed minn tliet pulzieri.

L-occipito-frontali, minn nofs tal jbin ġal ħotba tal occipitali, u twil ftit iżyed minn erbġa pulzieri.

Il bi-parietali, bein il ħtiebi tal parietali, hu twil tliet pulzieri u nofs.

Il bi-temporali minn-nġas il wiħed ġall iħor hu twil ftit iżyed minn żeuj pulzieri u nofs bis-saqain mitnïa.

It-tarf tal warrani, nistġu nġidu ukoll li yixbeh il baida. Barra minn fein hemm il ħtiebi tal iskiu, is-sagru, il ħtiebi tal ġadam tal wirkein, hua artab kull-imkien iħor. Minn-nofs tax-xifer ta din ġall-iħor hemma tliet pulzieri; bein is-sagru u in-nofs tal wirkein hemma xi erbġa pulzieri; u bein il ħtieb tal wirkein emma tliet pulżicri u nofs. Il jisem tat-tatbïa, il bicca tan-nofs, irrid nġid, yeu iz-zokk (tronco), hu l'ikbar u l-itwal tagħa. Ma ir-ras hia mwaħħla miġu, mil ħotba tal occipi-

tali ġal koccije hemma ħdax il pulzier. Ġad li hu hekk twil, billi il kolonna tad-dahar hia maġmula minn ħafna ġadam ckeiken, yista yintena kif trid u yintrass. Bein spalla waħda ġall-oħra hemma erbġa pulzieri u nofs, u yistġu isiru tlieta u nofs; mid-dahar ġall-isternu, mix-xeuka ta l-aħħar vertebra, tad-dahar ġat-tarf tal isternu, hemma tliet pulzieri u nofs.

# IL HAMES TAQSIMA.

## IJIENE TAL HBIELA.

Ijiene hia ferġa tas-senġa tal feiqien li tġallem x'ġandu yaġmel il bniedem biex iżomm ruħu qawwi sħiħ—u meta nġidu ijiene tal ħbiela, irridu nfissru x'ġanda taġmel mara mġobbïa mux biss biex ma timradx bħal nisa oħra, imma ukoll biex twassal sa l-aħħar, u teħles bis-sliema. Yen ma nġedilkomx kull ma nġad fuq dana—dauk il ħweyyej biss li mara tqila ma tistax tġaddi minn ġairhom.

Billi mara tqila tkun thoss iż-żeyyed, ma ġandha tisma' xein li yaqtaġha—mux tal ġali biss, imma ukoll tal ferħ. Kull ma igerres in-nervi ġandu yinżamm fil boġod. La ġandha tara xi bażża yeu iferraħ iż-żeyyed, l'anqas tmur fein hemma kotra ta nies. Iżyed minn nisa oħra, taħtiej li demma yinżamm safi, ġalhekk nisfha ma ġandux ikun mkasbar u tafu xi kasbar l-iżyed in-nifs:—hua l-aġliq u il ħmiej ta fein noqoġdu. Ma nġidx li ġandu

ir-riħ itayyarna minn fein nkunu, iżda l'ankas ġanna nittappnu biex ma neħdux riħ. Ġandkom tafu li yekk aħna nkunu f'saħħitna, ġalkemm noqoġdu fir-rih, ma nimirdux. Ġanna deyyem narau li nifsna yitbiddel, li fein inkunu ikun hemm xi ftuħ, biex l-aria tista' tidbiddel. Il koll nafu li meta nidħlu xi mkien maġluq fein hemm in-nies (fix-xitwa, f'xi knisia) nxommu riħa tinten. Kollu ġax l-aria yeu in-nifs ta dauk in-nies ma satax yitbiddel, u kull ma ħarej minn jo fihom man-nifs baqa' hemm maġluq. Tafu ukoll li jisimna yati ukoll riħa. Ta xi uħud din hia qawwïa. Idhirli li ġedtilkom li man-nifs, mil jilda ta jisimna, ma l-aurina, inneħħu ħafna ħmiej. Aħna nseyyħu ħmiej dak l-inġaddu minn msarinna. Iżda dan m'hux kollu ħmiej tasseu; bicca minnu hua fdal talli kilna, il bqïa hua hmiej bħal ma inneħħu man-nifs, mal ġaraq: fein nifsna ma yistax yitbiddel, tafu x'naġmlu? Nerjġu ndaħħlu jewwa fina il ħmiej li neħħeina. Anqas ma yijri dana, iżyed demmna yibqa safi, hu anqasnaqġu morda, u iżyed nfiequ malair yekk nimirdu yeu yijrilna xi ħaja; ġax, kif nġidu, jisimna ma ikunx dieni. Mux biss billi nifsna yitbiddel kif istħoqq, demmna yibqa safi, imma yinħtiej li fein inkunu, l-iżied fein noqoġdu ma ikunx hemm inteyyen li yoħorju minn fein nixħtu il ħmiej ta jisimna. Daun ir-rweyyaħ yaġmlu deni wisq. It-toqba fein nixħtu ġandha tkun fil boġod minn fein noqoġdu, u ġandu ikollha ftuħ biż-żeyyed; u ir-rweyyaħ kollha li yistġu yoħorju, ġandhom

yoħorju fil bġid minn'na u minn fein norqdu. Kien yinħtiej li il bniedem yaġmel bħal fenek grixti tar-raba. Bin-nhar yoqġod jewwa il beita, ma nzul ix-xemx yoħroj f'bieba, yeqaf fuq saqaih ta wara, ixomm ma dwaru, imbaġad yitlaq kemm yatuh saqaih ġar-reda. Wara li ireddes, xi daqqiet fil boġod sewwa mil beita, iġaddi il-leil yirġa fein yidhirlu. Ma ireddix jol beita bħal ma yaġmel il bniedem, li ġandu ġaqal, (ġal fein irid) iżyed mill fenek grixti. Daż-żmien sabiex id-dyar ikunu taiba ġas-saħħa tal bniedem, yaġmlulhom it-toqob f'il ħitan ġan-nifs, u it-toqob tal ħmiej ma humiex iżyed ħeda fein nsayyru, taħt xi taraj mudlam, bla ebda xaqq; u yekk ikun hemm xi rewwiħa, dina tati ġal jewwa, u l-intiena kollha titħallat mat-tisyir li ikollna fuq in-nar, u daq-qiet ukoll aħna u qeġdin nekluh. Ġalhekk daż-żmien daun it-toqob iqeġduhom ġalihom, bid-dawl, bin-nifs; u it-toqba iqeġdulha is-ser-pentina, sabiex l-ilma li ikun fiha iżomm ir-rweyyaħ li ma yoħorjux fein norqdu u nkunu qeġdin. Imma il kanal yaħtiej li yeħles mir-rweyyaħ, ġax inkella yinfdu l-ilma tas-serpentina. Ġalhekk it-toqba li dari kienet ta nofs il bitħa, ntellġuha fuq il beit, fein titħallat ma l-aria li il kbir Alla ħalaq biex teqred ir-rweyyaħ kollha. In-nies ma iridux il ventilaturi fuq il byut, u ma iftakrux li dari kull imkien kien hemm ventilatur f'nofs il btieħi! U m'hux biż-żeyyed illi neħelsu mir-rweyyaħ billi nsod-dulhom it-toqob fid-dar u nifthulhom fuq il

beit; ġaliex sa kemm il ħmiej yibġa' fid-dar yeu ma dwarha xi ftit tar-riħa deyyem tġaddi: ġalhekk il ħmiej tal ibliet ħaduh Wied Ġammieq.

Ankas ġadhom iħallu daż-żmien f'nofs il btieħi ta dyarna toqba ġall ilma maħmuj, u fein ukoll kien yinxteħed kollox, ġax dauk it-toqob kienu iftħu jewwa il kanal majjur. Ma nafx haux minnkom li yiftakru fihom. Yen niftakar, u niftakar ukoll li fis-saif l-iżyed, kienikun hemm ntiena ħierja minnhom li ijjaġlek issodd mnieħrek, u ġaxxexïa ta dubbien, u żunżan u nemus iżanżan!

Lil mara tqila m'hux biss ir-rweyyaħ li yintnu yaġmlulha id-deni, dauk li ifuħu ukoll, u ir-rweyyaħ ta ikel yeu ta xi medicini ukoll. Il mara tħoss ħlewwa ta qalb, rasha iddur biha, u wara ħass ħażin ġal xi erbat'iyem, tarmi. Dak li iġidu in-nies, li biex ma tarmix, yeu ma tħossiex ħażin, ġandha tieħu ftit minn dik il ħaja, dana hua kollu cait. Meta tħoss li xi riha caqalqetilha in-nervi, ġandha tieħu biss xi ħaja, mqar daqxein ħobż u saba mbît minn ta kull yum sħun biz-zokkor, yeu xi ftit tayyeb.

Mara tqila ġandha tieħu xi ħsieb li taħtar l-ikel; l-ewwel nett ma ġandiex tiekol wisq, l-iżyed ġall aħħar tal ħbiela, ġax żaqqha tkun mimlïa b'ħaj' oħra. Mbaġad ma ġandha qatt tiekol x'yista jaġmlilha id-deni, l-aktar ġal fil ġaxïa. Ma nġedilhiex tiekol brodu u, kif nġidu, taġmel dieta kbira; ġax inkella toġlob, u demmha yaħtiej li ikun qawwi. Tiekol ta kull yum bla ma tinsa li hia tqila.

X'inġidu ġall lbies? Ġandha tilbes bħal ma dari, fis-saif yeu fix-xitwa. Qaddha ikun wasa', rbit zeyyed ma ġandux ikun, ġax il juf yikber u irid il wisa. Fil bidu tal ħbiela dana yinħtiej ukoll, ġax billi il qadd ikun deyyaq, l-imsaren yitrassu l-isfel, u yistġu iħarrku il juf. Dauk in-nisa li kellhom tfal wisk, żaqqhom aktarx tkun imdendla il quddiem. Dana yaġmel id-deni, ġax il juf f'iż-żaqq ġandu yoqġod wieqaf mal *asse* tad-daħla, u yekk ma ikunx, il mara tista' tarmi, yeu teħles qabel il waqt, u waqt il ħlas bosta mis-saħħa tal juf fil-wejġa tintilef, u il mara iddum żmien twil. Biex tirtifed iż-żaqq is-sinyuri yistġu yixtru rbit taż-żaqq li yijjebbet, il foqra yirtifdu bi rbit bħal terħa; iżda m'hux f'qaddhom: miż-żokra l-isfel.

Fil ħbiela il mara ġandha taħrab it-taħbit żeyyed, rfiħ fuq żaqqha, yeu fuq daharha, yeu ta ħweyyej tqal mill-'art, ġalhekk ma ġandhiex toqġod maġluqa, bil qieġda deyyem. Dan yaġmel deni daqs it-taħbit. Is-sinyuri yistġu yibqġu yoħorju bil karrozza bħal qabel. Iżda ma ġandhomx imorru fil boġod l'anqas fil kaxex yeu fil karrozżini. Dauk in-nisa li yarmu b'xein, ikun aħyar li ma yidħlux f'karrozzi.

Ġall indâfa, yeu ġax iħobbu, fil ħbiela in-nisa yistġu yinħaslu, yidħlu jewwa il banyu, m'hux sħun żeyyed, u f'is-saif iġumu bħal ma dari. Biss ma ġandhomx idumu żeyyed.

Baqa ħaj' oħra. Il mara ġandha taħseb li ikollha ras ħobbha sewwa ġar-rdih, l-iżyed

dik li ġandha tradda ġall ewwel darba. Ir-ras ma ġandha qatt tkun maġsura bil ħweyyej deiqa. Dauk in-nisa li iridu yilbsu il kurpett, dana ma ġandu qatt ikun deyyak, ġalli ġedttilkom qabel, u biex ras ħobbhom ma titwittiex, yaħtiej li iqeġdu fuqu xi ħaja fierġa, fein ir-ras tista' toqġod. Din il ħaja tista' tinxtara minn ġand l-ispiziar, tkun tac-comb yeu stann, rqieqa u maġmula bħal kappell, tisseyyaħ ras ta beżżula, u tiddendel mal ġonk b'żagarella deiqa. U yekk il jilda ta ras il beżżula tkun rqieqa, yeu yekk nafu li tinselaħ meta il mara tibda tradda, ikun tayyeb li it-tabib tad-dar yikteb xi ħaja biex tebies. Tayyeb ukoll li ir-ras tidra ir-rdiħ, billi xi ħadd yardaġha qabel il ħlas, yeu tarda' il mara lila 'nfisha bil mammalora. Iżda lili ma tantx yojobni dan ir-rdiħ, ġax yista yaġmel iddeni, yista' ijib ir-rimi: aħyar ma isirx.

## IS-SITT TAQSIMA.

### FUQ IL ĦLAS.

Il ħlas hu il fqis tal baida meta it-tarbïa tkun saret sewwa. Fil baida tat-tijieja il fellus yofqos, ġax hu yeu il qroqqa yonqbu il qoxra tal baida. Fil mara u oħrain it-tarbïa u li ma dwara yoħorju mill juf ġax dan yingasar fuqhom. It-tarbïa ma tindaħal ġal xein fil ħlas, sewwa yekk tkun ħayya yeu meita. U

m'hux il juf waħdu, iżda meġyun mil laħam taż-żaqq u nista' nġid tal jisem kollu, ġax il mara, trid yeu ma tridx, ġandha tġin il juf. It-tarbïa toħroj mill juf, yeu bit-tarf tar-ras il quddiem, yeu b'dak tal warrani, nkella bil jenb. B'rasa yeu minn naħħa ta wara, il ħlas yista' isir waħdu, minn ġair lebda ġainuna taġna, iżda mil jenb ma yistax isir ħlief yekk it-tarbïa hia ckeikna, yeu il pelvi hia kbira bosta. Mill jenb il ħlas irid deyyem li it-tarbïa tiddawwar mit-tabib. U mir-ras, yeu mill warrani il ħlas yista' yaħtiej il ġainuna ukoll yekk in-naħħa tat-tarbïa li biha tkun jeyya, tkun immeila, yekk ma hemmx ujiġ, yekk it-tarbïa tkun kbira wisq, yeu il pelvi ckeikna, yeu yekk tinqala' xi ħaja li taħtiej li il ħlas isir bla telf taż-żmien. Yekk ma ikun hemm xein minn dana kollu, ġandu isir waħdu, iż-żmien yista ikun qasir yeu twil, iżda isir deyyem; ġax il ħxuna tal jisem it-tarbïa hia wisq icken minn tûlha; ġalhekk minn kif tiji it-tarbïa il ħlas ikun sewwa yeu le.

In-naħħa tat-tarbïa li biha tiji u titwielet tisseyyaħ prezentazzioni,—prezentazzioni tar-ras u tal wicc ġat-tarf ta quddiem, u prezen-tazzioni tal maqġad, tar-rijlein, u tar-rqubtein ġat-tarf tal warrani. Meta it-tarbïa tiji bil jenb, 'nseiħula tal-ispalla: tal-ispalla tal-le-min yeu tax-xellug. Kif tkun qieġda il pre-zentazzioni fil fetħa tad-daħla, lein fein tkun tħares, il qaġda tal prezentazzioni fil pelvi yisseyyaħ pozizzioni. Kull prezentazzioni

taż-żeujt itruf ġandha erba' pożizzionïêt—l-ewwel, it-tieni, it-tielet u ir-raba'—u kull pożizzioni tista' tkun wieqfa yeu immeila.

Yisseiħu hekk, ġax ta l-ewwel tiji iżyed minn tat-tieni, dina iżyed mir-raba'. F'kull waħda minnhom, it-tarbïa tkun qieġda mal qies mxengel tad-daħla.

F-lewwel u fit-tieni, max-xellug; fit-tielet u 'r-raba mal-lemin.

F'ta l-ewwel tar-ras, l-occìpite ikun lein il ġolya ilio-pettinea tax-xellug.

Fit-tieni, lein il ġaqda sagro-iliaka tal-lemin.

Fit-tielet, l-occìpite ikun lein il ġolya ilio-pettinea tal-lemin.

Fir-raba', lein il ġaqda sagro-iliaka tax-xellug. Billi it-tarbïa tkun bil maqlub, rasha l-isfel, il parietale tal-lemin ikun il quddiem fl-ewwel u fir-raba' pożizzioni; il parietale tax-xellug ikun il quddiem fit-tieni u it-tielet pożizzioni tar-ras.

Fil preżentazzioni tal wicc, il jbin yoqġod fein kien l-occipite f'tar-ras.

L-ossu-sagru fil prezentazzioni tal maqġad, il ġarqub fil prezentazzioni tar-rijlein, u il qasba tas-sieq fil prezentazzioni tar-rkubtein ikunu minn f'lok l-occìpite fil prezentazzioni tar-ras.

Minn dana tifhmu liema qiesien tat-tarbïa ġandhom yaqblu ma dauk tad-daħla tal pelvi: fir-ras, il qies occipito-frontali ġall-ewwel, mbaġad l-occipito-bregmatico, yaqbel ma wiħed

mil qiesien imxengla, u qies biparietali mal-iħor.

Fil wicc il qies fronto-mentali yaqbel ma wiħed mil qiesien imxengla, u il bi-malari ma l-iħor.

Fil maqġad il qies bi-trokantèriku ikun ma wiħed, u il qies sagro-pubies ma l-iħor mill qiesien imxengla. Waqt il ħlas yaħtiej li naġarfu dauna il preżentazzionïêt.

Il preżentazzioni tar-ras tkun imdaura, u sebaġna iħoss li taħt l-artab tal jlud hemma ġadam iebes imdawwar, u isib l-haun u l-hinn xfar ħorox fil ġadam, u xi mkien, il quddiem yeu l-ura, isib il funtanella ta quddiem yeu fein kienet il funtanella ta wara. F'lebda naħħa ta jisem it-tarbïa ma yinsab dan li ġedtilkom. Ġax yekk fil wicc u fil maqġad inħossu l-ewwel rtubïa, imbaġad meta irrossu ftit, insibu l-iebes tal ġadam tal wicc, yeu tal ħotba ta l-iskiu, dan il ġadam ma hux imdawwar, l'anqas ġandu hyata yeu funtanelli.

Naġarfu il wicc, ġax kif ġedtilkom inħossu li hu artab, u sebaġna iħoss li minn taħt hemm ġadam, iżda m'hux wati; yinġaraf l-iżied il wicc ġax ġandu xifer iebes ma dwar il ħofra tal ġain, l-imnieħer, il widnein, il leħya, u fl-aħħar il ħalq, fein nistġu indaħħlu sebaġna u nħossu ix-xedaq u 'l lsien.

Il maqġad yintġaraf ġax ġandu is-sagru aħrax u wisq aktar artab minn naħħiet oħra, u insibu il fundament u tan-nisel. L-iżyed li naġarfuh mill fundament, ġax nistġu indaħħlu

sebaġna u incappsuh bil mekoniu, (bil ħmiej aħdar tat-tarbïa). Minn dan il mekoniu nistġu insibu ukoll fil vajina. U il fundament ma yistax yitħallat mal ħalq, ġax la ġandu xedaq lanqas lsien, u ma jenb il maqġad insibu malair ir-rijlein.

Ir-rijlein yintġarfu mis-swaba u mill ġarqub. Is-swaba huma ħamsa, qeġdin wiħed heda l-iħor. Ma humiex mifruqin mis-saba' il kbir bħas-swaba ta l-id. Ir-rijel yaġmel bħal salib mas-sieq, u in-naħħa l-oħra tas-swaba il ġarqub yoħroj il barra. Ir-rijel ma l-id ma yista' ikun qatt li yitħallat, ġalli ġedna fuq is-swaba, u fl-id ma hemm xein li ixbaħ lil ġarqub.

Ir-rkobba hia bħal minkeb—meta tiji l-ewwel fil ħlas, is-sieq tkun mitnïa tnein, nkella ma ikunx ħlas mir-rkubtein. Ġalhekk nsibu il wirk u is-sieq wara xulxin, u flimkien yaġmlu il ħarja tar-rkobba, minn fein sebaġna isib malair minn naħħa il waħda, il qasba tas-sieq u ir-rijlein, u minn naħħa l-oħra iż-żaqq u tan-nisel. Ir-rkobba ma tħalltuhiex mal minkeb tad-driġ, ġax dak f'it-tarf tiġu ġandu l'id, u ġqiġed mas-sider li taġarfuh mill kustilyi. Intom, meta tkunu ma xi mara fil ħlas, ġandkom tkunu tafu kif inhi jeyya it-tarbïa, ġax yekk ma'ssibux waħda mil preżentazzionïêt li semmeitilkom, tar-ras, tal wicc, tal maqġad, tar-rijlein, yeu tar-rkubtein, minn ġair telf ta żmien ikun yinħtiej it-tabib, u ġayytulu kemm tistġu qabel ma yoħroj l-ilma kollu.

M'hux biss ġandkom taġarfu liema hia il

prežentazzioni, yaħtiej ukoll li tkunu tafu kif inhi il qaġda tagħa: il pożizzioni.

Fl-ewwel tar-ras il funtanella ta quddiem tkun il wara u ġal-lemin ta l-omm.
Fit-tieni „ tkun il quddiem u ġax-xellug.
Fit-tielet „ tkun il wara u ġax-xellug.
Fir-raba „ tkun il quddiem u ġal-lemin.
Fl-ewwel tal wicc il-leħya tkun il wara u ġal-lemin.
Fit-tieni „ tkun il quddiem u ġax-xellug.
Fit-tielet „ tkun il wara u ġax-xellug.
Fir-raba „ tkun il quddiem u ġax-xellug.

Kif ġad nġedilkom, meta il leħya tkun il wara, il ħlas ma yistax isir, ġax ġonq it-tarbïa hua wisqaqsar minn naħħa ta wara tal pelvi vera, li ġandha it-tul tas-sagru u tal koccije flimkien.

Fil prežentazzioni tal maqġad nsibu bla tbatïa il fein iħares l'ossu sagru, yeu il ġarqub; yeu fil prežentazzioni tar-rqobba in-naħħa ta fein huma ir-rijlein, ġax il dik in-naħħa tkun il qasba tas-sieq.

Intom raitu hauna fl-Isptar iżyed minn mara teħles, u tafu li il ħlas isir bl-ujiġ. Wara li mara tkun ila mwcjjġa xi żmien, yiji l-ilma; iżda qabel ikun nfetaħ il fomm tal juf, issir l-isqïa, u meta tinqasam dina yiji l-ilma, imbaġad tibda tinħass u tidher it-tarbïa, ftit ftit; sa fl-aħħar titwieled, u uraiha tiji ta wara, yeu il placenta, deyyem bl-ujiġ, li ikattar mil bidu

sa kemm titwieled it-tarbïa, u iħaffef fit-twelid tal placenta. Il ħlas ma isirx f'daqqa waħda. Irid iż-żmien, issa twil, issa qasir. Ġalhekk il ħlas yista yitqassam fi tliet żmenïêt—

L-ewwel żmien hu minn meta yibda l-ujiġ sa kemm iftaħ sewwa il fomm tal juf;

It-tieni mill fetħa tal juf sat-twelid tat-tarbïa;

It-tielet sa kemm toħroj il placenta.

L-ewwel żmien yista' ikun twil bosta, u yekk ma ikun hemma xein, ma ġandux x'wiħed yibża' u x'yaġmel: yistenna biss. L-iżyed li idumu huma dauk in-nisa li yeħilsu ġall-ewwel darba. F'dan iż-żmien isir il ftuħ tal fomm tal juf. F'dauk in-nisa li kellhom it-tfal, aktarx isir malair. Xi uħud, iżda, idumu. L-ujiġ ġall ewwel ikun kemm yinħass, u tiji daqxein ta wejġa kull ftit, daqqiet iġaddu siġat; u fl-aħħar xahar tal ħbiela minn dana l-ujiġ il mara aktarx ikolla. U daqqiet meta tidħol f'xaharha yista ikollha taqliba, kif nġidu, u ujiġ, u taħseb li seira teħles, mbaġad iġaddi kollox. Meta yibda il ħlas tasseu l-ujiġ ikattar ftit ftit, isir kull ma imur iżyed qawwi, u iż-żmien itwal, bein wejġa u l-oħra aqsar u aqsar.

Kif yitqawwa, il mara, l-iżyed yekk tkun ta l-ewwel, tibda tġayyat (x'uħud yitħabtu wisq), u dan iġînna biex nikxfu minn ġair ma im-missu il mara, f'liema żmien tal ħlas tinsab. L-aġyat, it-taħbit, it-twerżiq yuri li il mara tinsab fl-ewwel żmien tal ħlas. Aħna ġanna narau yekk hux tasseu ujiġ tal ħlas, yeu xi ujiġ

taż-żaqq. Ġall ewwel tal ujiġ, yekk hu tasseu tal ħlas, yekk nqeġdu îdna fuq żaqq il mara, nhossu li ma kull wejġa, il juf yebies u yarja yirtab kif tġaddi. Kif iġaddi iż-żmien, ġair dana, nibdġu nsibu li il vajina issir iżyed mxarrba, ġax tibda taġmel bħal mħat, l-ewwel abyad u mbaġad, l-iżyed ġall aħħar, ħamrani. Narau ukoll xi demm, u meta ndaħħlu sebaġna fil vajina, nhossu li ma kull wejġa il fomm yebies, u bħal yinfetaħ, u il quddiem iżyed nhossu li yinfetaħ tasseu, u li qeġda issir is-sqïa. Is-sqïa hia dik in-naħħa tal membrani yeu qxur tal baida li tibqa' mikxufa meta yinfetaħ il fomm, u ġax ma tkunx mirfuda, taqbes il barra, u tikber iżyed u iżyed mal ftuħ tal fomm. Sa fl-aħħar ma tkunx iżyed iżżomm, u tinqasam. Is-sqïa taġmel bħal feles fil fomm, u ma l-ujiġ tġin biex il fomm yinfetaħ ġax il fomm yinfetaħ bl'ujiġ. U naġarfu li il fomm infetaħ ġall kollox, ġax aktarx il mara tħossa mdardra u tixħet. Mal ftuħ il fomm yiccarrat xi ftit, u yoħroj id-demm. Ġalhekk ġall aħħar ta l-ewwel żmien il maħta tal ġant tkun ħamranïa, u yista' ikun hemm demm ħieles. Imma id-demm ta dan iż-żmien ma yijix mill fomm biss; yiji ukoll bħal fit-tieni żmien minn jewwa il juf, ġax tkun bdiet titqaxxar il placenta, u id-demm yoħroj mill vini u mill arterï tal juf waqt ir-reħya ta l-ujiġ, mbaġad yoħroj ġall-ewwel tal wejġa, yeu kif tġaddi. Ġad li il fomm ikun miftuħ, is-sqïa, yekk tkun yebsa, ma tinqasamx, u yekk tkun

rqieqa żeyyed, tinqasam qabel ma il fomm yinfetaħ. Meta ma tinqasamx, it-tarbïa tista' titwieled b'rasa jewwa is-sqia: bil borqom. Sewwa meta ma tinqasamx, kemm meta tinqasam kabel il waqt, hu deyyem ħażin. Meta tinqasam qabel il waqt, il ħlas yitwal, ġax il fetħa tal fomm iddum ma'ssir; u meta ma tinqasamx, il ħlas m'hux biss yitwal ġax l-ujiġ yiji ġal xein, ma yinbuttax it-tarbïa; imma ukoll ġax il membrani yijbdu il placenta u yaqelġuha qabel il waqt, u ġalhekk yiji demm bosta, u yijbdu ukoll il juf. Ġalhekk meta, milli ġedtilkom, tkunu tafu li il fomm nfetaħ u is-sqïa ma'nqasmitx, yeu taqsmuha intom, billi b'difirkom waqt il wejġa toborxuha u ittaqqbuha, yeu tibagħtu ġat-tabib.

Kif tinqasam is-sqïa, u yoħroj l-ilma, il juf yibda yinġasar fuq it-tarbïa, u yibda il ħruj tagħha minn jewwa il juf u il pelvi. Dan isir bl-ujiġ. F'dan it-tieni żmien l-ujiġ ibiddel, yitqawwa, yitwal, u ftit ftit yiji waħda wara l-oħra, sa kemm fl-aħħar issir wejġa waħda. Kif nġidu, l-ujiġ ma iħallix. Il mara ma tibqax twerżaq bħal qabel, imma tibda tġin l-ujiġ, tinbotta, taqbad f'ta ma dwârha, mal wejġa jisimha kollu yebies, m'hux il juf biss, issir ħamra, ftit ftit ġarqana (fix-xitwa ukoll) il vini ta ġonqha waqt il wejġa yeħxienu, wiccha yintefaħ, u tasseu li tkun tbati, li wiħed iħoss li kien yixtiek iġînha u yaqlagħha minn dik it-tbatïa u isir it-talb.

U ġalhekk mal ħlas meta teħles minn din

it-tbatïa kollha, ma l-ewwel twerżiq tat-tarbïa il ferħ ikun kbir, ta kullħadd, u id-dmuġ yinżel mill ġaynein: u m'hux ġall xein li ndoqqu il-laudi.

Kif il juf yibda yinġasar fuq jisem it-tarbïa, dina tibda tinżel, tidħol fil pelvi, tġad-diha ftit ftit, twassa' il vajina, il perineu u il vulva, u sa fl-aħħar tġaddi: titwieled. Il mara tistriħ, tieħu 'n-nifs sewwa, u wara ftit tarja tibda tħoss xi wejġa, mdaqqsa, u tiji il placenta. Daqqiet il placenta tiji mat-tarbïa, daqqiet iddum iżyed. Yekk ma ikunx hemm demm żeyyed nistenneu, ġax l-ujiġ yarja' u ikeeciha. It-tieni żmien tal ħlas aktarx ikun aqsar minn ta l-ewwel; f'xi uħud ma ikunx hemm ħlief wejġa waħda. Daqqiet l-ilma, it-tarbïa, u il placenta yiju flimkien. Dana ma yijrix kull-yum. Deyyem ikun hemm xi żmien bein il ftuħ tal fomm u it-twelid. In-nisa li yeħilsu ġall ewwel darba idum u iżyed, imma ġandkom tafu li f'dan it-tieni żmien, it-tul żeyyed hu ħażin. Yekk wara sitt siġat, ma teħlesx il mara, ġanna nibdġu naħsbu biex nibaġtu ġat-tabib, sa biex yara mnein hua jeyy it-tul. U fit-tielet żmien, yekk wara saġtein ma tijix il placenta, ġanna njibuha. Aktarx iżda, wara ftit li twieldet it-tarbïa, yarja yibda l-ujiġ, mdaqqas, u il placenta tiji ukoll, yeu tġaddi fil vajina. Yekk tinqala' xi telfa ta demm, il placenta njibuha ukoll, tifhmu li ma ġanniex nistenneu sa iġaddu saġtein biex injibu il placenta, lanqas yekk tinqala' xi ħaja oħra.

Issa nġaddi nġidilkom kif toħroj it-tarbïa mill moġdïa tal pelvi. Yekk intom ridtu tġaddu xi ħaja, nġidu ras it-tarbïa, kontu issibu li biex tġadduha, taħtieju tqeġduha issa hekk, u issa hekk, iddawwruha, tmeyyluha; bħal ma tġaddi it-tarbïa mil pelvi fil ħlas, yijri lilna kull meta minn xi bïeb irridu nġaddu xi ħaja. Nqisu li nqabblu il wisa ta dik il ħaja mal wisa tal bieb, u nqabblu dik il ħaja, sa kemm il qesien tagħha yaqblu mal qesien tal bieb. Hekk yijri fil ħlas. Dak li naġmlu aħna yaġmlu il juf bil jabra fuku in-nifsu. Il juf yinbotta minn wara, u it-tarbïa tintena u iddur, u tbiddel il qesien ġal qesien tal pelvi. Yekk it-tarbïa ma tibdilx il qaġda, ma tġaddiha qatt il pelvi, ħlief meta it-tarbïa tkun ckeikna ħafna, yeu il pelvi wiesġa ħafna. Yekk ma tbiddilx il qaġda, tibqa' mwaħħla, kif narau li yijri xi daqqiet. Issa kif isir il ħlas tat-tarbïa, yeu kif ticcaqlaq it-tarbïa, il preżentazzioni tagħha, nafu. Isimġuni. Nieħdu il preżentazzioni ta l-ewwel tar-ras, ġax fuqha nifhmu l-oħrain kollha. Fil bidu tal ħlas, it-tarbïa tkun b'daharha mdawwar lein in-naħħa tax-xellug tal omm, ir-ras tkun mitnïa il quddiem kif ġedtilkom, fuk ix-xifer tal pelvi vera, bl-occipite in-naħħa tax-xellug. Kif l-ujiġ isir sħiħ, tintena iżyed u iżyed, titmeyyel il quddiem, u lein l-ispalla li tkun il wara, yeu tal-lemin tat-tarbïa. Kif ikunu isiru daun iż-żeujt tinyêt il quddiem u la jenba, tersaq lein il ġolya ilio-pettinea

ix-xellugïa, u billi ir-ras tintlewa fuq ġonqha yeu le, tkun tista' iddur il quddiem, u mbaġad ir-ras tinżel, u tiżżerżaq wara il ħofra tal ġadma tal 'ngroppa ġar-ras il wirk, tġaddi minn wara it-toqba il misduda, minn wara il jenb ix-xellugi tal liwya tal pube, u hauna tìeqaf. Kif l-oecipite yinżel u yiji il quddiem u lein il ħneyya tal pube, hekk il jbin u il funtanella ta quddiem iduru il wara, lein il ġaqda sagru-iliaka tal-lemin ta l-omm, u kif yinżel l-oecipite, hekk tinżel ir-ras ukoll xi ftit, m'hux daqs l-oeeipite, fuq l'artab tad-daħla sagru-iliaka. Aktarx waqt li qiġed yijri dana kollu, il juf, wara li yoħroj l-ilma tal am̄nios, ikun yista' yinġasar iżyed fuq it-tarbïa. Imma kif tiji toqġod fil fetħa tal ħarja minn naħħa ta quddiem wara il jenb xellugi tal ħneyya, u minn naħħa ta wara fuq ir-rbit bein is-sagru u l-iskiu, ma tistax tġaddi mill fetħa tal ħarja; ġalhekk il ġasir tal juf ijaġalha taġmel eaqlieqa oħra. L-oeeipite yibqa' deyyem wieqaf, u ir-ras minn kif kienet mitnïa, ftit ftit tinfetaħ u hekk tkun tista' tġaddi mill fetħa tal ħarja, u minn quddiem il ġaqda tal warrani, wara li ijjebbet il perineu, yitwassa' biż-żeyyed fomm il vajina, u titwitta ġall kollox il vulva, narau yinkixfu it-tarf ta kuddiem tal ħyata sajittali, il funtanella ta quddyem, il ħyata frontali, il jbin, u ir-ras toħroj, titwieled. Kif tġaddi, meta il ġonq kien milwi, ir-ras iddur malair, u barra mill vulva tarja toqġod kif kienet fil pelvi, qabel il-liwya tal ġonq, ġalhekk ẏicc it-

tarbïa yiji iħares lein in-naħħa ta jewwa ta wirk l-omm tal lemin. Issa ġandu iġaddi mill pelvi jisem it-tarbïa, u l-ewwel ma yiġaddu huma l-i-spallein. La ir-ras fil pelvi tkun qeġda mal qies mxengel tax-xellug, l-ispallein ġandhom ikunu mal qies mxengel tal lemin, l-ispalla tal lemin tkun lein il ġolya ilio-pettinea tal lemin tal omm, u l-ispalla tax-xellug tkun lein il ġaqda sagru-iliaka tax-xellug tal omm. Il moġdïa tal ispallein issir kif seyyer nġedilkom: L-ispalla ta quddiem tinżel u iddur bħar-ras, iżda minn naħħa l-oħra—mill lemin ġax-xellug, u tarja tieqaf wara jenb il ġolya tal pube, tal lemin. L-ispalla li toħroj l-ewwel hïa deyyem ta wara. Sa tinżel l-ispalla ta quddiem jisem it-tarbïa yintena fuq jenbu, u sa toħroj l-ispalla ta wara yarja yinfetaħ. Issa waqt li l-ispallein yinżlu u iduru fil pelvi, ras it-tarbïa, li hïa barra, iddur magħhom. Ġalhekk wara li tkun daret kif yinħall il ġonk mill liwya li hïa fil pelvi, u il wicc yiji iħares lein in-naħħa ta jewwa ta wirk l-omm, ma l-ispallein idur il quddiem. U dina hïa l-aħħar ciaqlieqa li taġmel ir-ras. Il maqġad tat-tarbïa yoħroj malair, iżda ukoll kif ħarju l-ispallein. Mela ras it-tarbïa taġmel iżyed minn ciaqlieqa sa titwieled. Sitta—erbġa jewwa il pelvi, u tnein barra minnha. Ir-ras fil qaġdiet l-oħra taġmel dan iccaqlieq ukoll, iżda aktarx li it-tieni u ir-raba tar-ras yitbiddlu fl-ewwel u fit-tielet qaġda. Yekk ma yitbiddlux, yista' yijri li ir-ras tġaddi l-ew-wel fl-occipite minn quddiem il ġaqda tal

warrani, mbaġad mill ħneyya tal pube iġaddi il jbin, u il wicc; nkella yista' yijri li il preżentazzioni tar-ras titbiddel fi preżentazzioni tal wice. Biex yijri dan, yeu l-iħor, yaħtiej ujiġ u żmien. Ġalhekk il ħlas tar-ras bl-oeeipite il wara hu deyyem twil wisq, u aktarx yekk il qaġda ma titbiddilx fl-ewwel yeu it-tielet, ikun yaħtiej li tġayytu lit-tabib ħalli iġein il juf bil ġodda. Ġad li ġedtilkom li fl-inżul mill fetħa tad-daħla ġal tal ħarja, ġonq it-tarbïa yiltewa, dana yista' ma yijrix, yekk il pelvi tkun xi ftit wiesġa u it-tarbïa xi ftit ekeikna.

Fit-tieni qaġda, l-occipite tat-tarbïa ikun iħares lein il ġaqda sagru-iliaka tal lemin, u il jbin lein il ġolya ilio-pettinea tax-xellug. Dahar it-tarbïa ikun iħares il wara u lein il lemin, żaqqha tkun il quddiem u lein ix-xellug tal omm, il jenb tax-xellug tat-tarbïa mdawwar il quddiem u ġall lemin, il jenb tal lemin ikun il wara u lein il lemin.

Kif toqġod ir-ras wara li titwieled fl-ewwel pożizzioni ġedtilkom: fit-tieni li ma titbiddilx il wiec idur lein in-naħħa ta jewwa ta wirk ix-xellugi ta l-omm, u imbaġad meta yibdġu ġaddeyyin l-ispallein yimxi il wara, ġax l-ispallein iġaddu fl-ewwel pożizzioni u l-ispalla tal lemin tat-tarbïa tiji lein ix-xellug u il quddiem ta l-omm. Fit-tielet, wicc it-tarbïa idur lein il wirk tax-xellug ta l-omm, mbaġad il quddiem. Fir-raba li ma titbiddilx, kollox isir bħal fit-tieni, u il wiec idur lein in-naħħa ta jewwa tal wirk il lemin ta l-omm.

# IS-SEBA' TAQSIMA.

## PREŻENTAZZIONI TAL WICC.

Ġandha erba' qaġdiet, bħar-ras. Fl-ewwel il jbin ikun lein il ġolya ilio-pettinea tax-xellug, u il-leħya lein il ġaqda sagru-iliaka tal lemin talomm; fit-tieni il jbin ikun lein il ġaqda sagru-iliaka tal lemin; fit-tielet il jbin ikun lein il ġolya ilio-pettinea tal lemin, u fir-raba ikun lein il ġaqda sagru-iliaka tax-xellug tal omm. Fl-ewwel pożizzioni il ħadd tal-lemin ta wicc it-tarbïa ikun il quddiem, u fit-tieni il ħadd tax-xellug ikun il quddiem. Billi ġonq it-tarbïa hua wisq iqsar minn naħħa ta wara tal pelvi tal omm, l-ewwel pożizzioni u it-tielet tal wicc ġandha titbiddel biex tista' tġaddi mill pelvi; ġalhekk fl-ewwel pożizzioni il leħya iddur il quddiem u ġall lemin, u fit-tielet iddur il quddiem u ġax-xellug tal omm, u tieqaf mad-driġ tal pube tal lemin, yeu mad-driġ tal pube tax-xellug; mbaġad billi ir-ras tintena il quddiem, yidhru quddiem il ġaqda tal warrani tal vulva,—il jbin, il funtanella ta quddiem, il ħyata parietali u il funtanella ta wara. Kif titwieled ir-ras, il leħya iddur malair il wara u lein il lemin tal omm fl-ewwel pożizzioni, yekk ikun intlewa il ġonq; mbaġad tarja iddur ma l-ispallein lein in-naħħa ta jewwa tal wirk il-lemin tal omm, ġax l-ispallein iġaddu bħal ma ġedtilkhom fl-ewwel pożizzioni tar-ras.

Il ħlas fll preżentazzioni tal wicc, wara

dana li ġedtilkhom, tifhmu illi yista' isir waħdu, iżda irid żmien twil, l-iżyed fin-nisa li yeħilsu ġall ewwel darba. U yekk yitwal iż-żeyyed ikun yaħtiej xi ġainuna, u din il ġainuna bil ġodda ikunu iridu deyyem, yekk il leħya ma iddurx il quddiem.

---

# IT-TMIEN TAQSIMA.

## PREŻENTAZZIONI TAT-TARF TAL WARRANI.

Fit-tarf tal warrani tat-tarbïa hemma il maqġad, ir-rijlein u ir-rkubtein. Kull naħħa minnhom toqġod fil pelvi bħar-ras—huma ġall kull waħda erba' qaġdiet—l-ewwel, it-tieni, it-ticlet u ir-raba, u yisseiħu—1. sagru-anteriuri xellugïa, 2. sagru-posteriuri lemenïa, 3. sagru-anteriuri lemenïa, 4. sagru-posteriuri xellugïa. F'tal ewwel tal maqġad, il ħadd tiġu tal lemin ikun il quddiem, id-dahar tat-tarbïa ikun lein ix-xellug u il quddiem ta l-omm. Fil ħlas f'dina il pożizzioni jisem it-tarbïa hua u nieżel jol pelvi yiltewa xi ftit, u yintena il quddiem, u in-nâtka ta quddiem, minn naħħa tal lemin tiżżerżaq ġax-xellug u tieqaf fuq id-driġ tal pube ta din in-naħħa, u in-nâtka ta wara tinżel iżyed u tġaddi qabel l-oħra. Wara li yoħorju iż-żeuj ħaddei tal maqġad, jisem it-tarbïa yarja yoqġod mxengel kif kien fil pelvi, u l-ispallein yoqoġdu mat-tieni qies mxengel, il minkeb ta lemin yidher l-ewwel, iżda yoħorju l-ewwel il minkeb u l-ispalla tax-xellug minn naħħa ta wara. Ġair l-ispallein, tibqa' ir-

ras ġal moġdïa. Ir-ras bl-ewwel qaġda tġaddi bħallikieku meta tiji l-ewwel; iżda m'hux bil quceata taġha, u tġaddi mitnïa, u minn quddiem il ġaqda tal warrani yiħdru il leħya, il jbin, il funtanella ta quddiem u fl-laħħar l-oceipite. F' it-tieni qaġda, sagru-iliaka posteriuri lemenïa, yeu l-oceipite yoqġod il wara sakemm toħroj ir-ras kollha, nkella idur il quddiem. Meta iddur, u l-oecipite yiji il quddiem, ir-ras tġaddi mitnïa; imma meta l-oceipite yibqa' il wara, sal-aħħar tal ħlas, tista' tġaddi billi tintena qatiħ, yeu billi tinfetaħ u l-oeeipite iġaddi lewwel quddiem il ġakda tal warrani, uraih tiji il quceiata tar-ras, il funtanella ta quddiem, il jbin u il wiee. L-aħyar li yista' yijri ġall omm u ġat-tarbïa li ir-ras iddur il quddiem, u tibqa' mitnïa. Meta tinfetaħ, il ħlas irid żmien wisq, u ujiġ qawwi, u ġandu mnein ma ikunx yista' isir. Ġalħekk fil preżentazzioni tal maqġad ġanna deyyem nfittxu li it-tarbïa jewwa il juf tibqa' mkebb'ba sa l-aħħar. Dak li yista' iġarraq il ħlas, billi italla' id-dirġain ma jenb ir-ras, yeu yiftaħ ras it-tarbïa, ma iħallihiex mitnïa, hua in-nuqqas tas-sabar li ijeġilna nijbdu it-tarbïa biex neħilsu il mara. Ibaġtu ġat-tabib yekk il ħlas yitwal, arau qatt li tijbdu it-tarbïa, ġax b'hekk, ftakru deyyem li terfġu id-dirġain u tiftħu ir-ras.

# ID-DISA' TAQSIMA.

## IJIENE TAL ĦLAS.

Il ħlas ġandu isir fl-aħyar dar yeu kamra kbira, bid-daul u fein l-aria tista' tġaddi minn ġair ma taġmel riħ, u la ġandha tkun kiesħa lanqas sħuna. Fis-saif aħyar ma tkunx sħuna. Ma dwar mara li tkun bl-ujiġ tal ħlas ħafna nies yaġmlu id-deni. Haun f'Malta ma isirx dan. Tafu li kull min irid yidħol yara u min dieħel, min ħierej. Ma mara fil ħlas ma ġandux ikun emm ħlief in-nies li yinħtieju, u dauk li trid il mara. Minn ma ġandux x'yaġmel ma ġandux yiji iġaddi iż-żmien magħha. Fil ħlas yinħtiej li il bużżieqa u l-imsaren ikunu ferġin; ġalhekk tayyeb li mara li tistenna tieħu xi porga qabel ma yibda' l'ujiġ, u ma ġandhiex meta yibda' iżżom l-aurina. U yekk l-ujiġ yiji bla ħsieb, ikun yinħtiej li taġmel lavattif. u yekk ikolla wisq aurina, ma tistax tneħħiha, ġandha titġadda bl-imserka.

Ġandha, kif yibda' il ħlas, taġmel xuxitha, u torbotha, biex ma ikolliex tidfor hekk kif teħles. Ġal dak li hu lbies, dana ġandu ikun aktarx ħafif; iżda fix-xitwa ma ġandiex tħoss bart. Xi dublett ta taħt li ikolla, yirtafa' il fuq, u'l qmis ukoll, biex ma yitcasbrux bid-demm, u sa tkun ġaddeyya it-tarbïa, tibqa' mġottïa bil friex; ġax wara il ħlas, kemm tista' ma ġandiex titħarrek Sidirha ma ġandux ikollu rbit, iżda lanqas ma ġandu ikun mikxuf. Mkatar ma rasa isaħnuha: b'xein tkun aħyar. Sa kemm tista',

fl-ewwel żmien tal ħlas, yekk ikun twil, tkun tista' tiekol xi ħaja. Xi uħud iridu yeklu bħal ma dari. Aħyar li ma tiekolx wisq mluħa. L'aħyar li tieħu ikun brodu b'xi naqra ġajin rqieq u xi baida mġollïa, u brodu kemm iddum bl'ujiġ tista' tieħu iżyed minn darba. Mbeyyet u likuri yaġmlu id-deni, ma ikattrux is-saħħa, kif taħseb in-nies. . Wisq ftit mbit hua tayyeb li tieħu, ħlief yekk tkun tasseu ma tiflaħx; aħyar yiktbilha it-tabib xi ħaja, u iġedilha kemm ġandha tieħu mbit. L-imbit iqayyem ġal dak il waqt biss. Yekk ikollha il ġadx, barra minn dak il mument li semmeit, tista tixrob li trid: ilma, luminata, tè, kafè, kamumilla. Lankas ma ġaudha timla żaqqha bix-xorb, ġax yimliha ukoll. U minn meta yibda' il ħlas lankas ma ġandha tidħol fis-sodda, l-iżyed dik li seyyra teħles ġall ewwel darba. Sa kemm ma yinfetaħx sewwa il fomm tal juf tista' iddur lhaun u lhinn bla biża. U nifhem li aħyar taġmel hekk, u sa kemm l-ujiġ yibqa' ħafif, m'hux biss tista iddur, imma taġmel xi ħaja ukoll, ġax inkella iż-żmien yidrilha twil wisq. U sa kemm hia hekk, tista' tara xi ħbieb, biex iġaddi malair iż-żmien, imma ħadd ma ġandu iġedilha xein ta swied il qalb, u fuq xi ħlas ħażin li kella il fliena. Kullħadd ġandu iqawwilha qalbha u iżommha fuq ruħha. Meta ikun ġoddu nfetaħ il fomm, il mara ġanda toqġod ġal ħlas, timtedd ġax tista' tatiha xi wejġa kbira u teħles malair, u it-tarbïa taqa' fl-art, u lilha tijrila xi ħsara. Mara bl-ujiġ, bil fomm tal juf miftuħ, bli-sqïa

maqsuma, l' iżyed yekk ħelset drabiet oħra, ma ġandha qatt tqum mis-sodda, ġax kif ġedt, ħsara kbira' tista tijri.

## IL ĠAXAR TAQSIMA.

### WARA IL ĦLAS.

Mara li ħelset nseiħula muluda, u żmien ta wara il ħlas, sa ġall inkas tliet xhur, il juf u il jisem kollu yarja yiji ftit ftit ġalli kien qabel il ħbiela, u f'dana iż-żmien ukoll, tafu, li il ħobb yaġmel il ħalib ġat-tarbïa. Il mara ġal tmient iyem yeu ħmistax, ikolla it-tisfïa tad-demm mill juf, u aktarx il ħalib yiji mat-tliett iyem.

Id-demm ta wara il ħlas nistġu nġeidu li ma yaqtax mill ħlas. Mat tarbïa yiji ħafna demm u ilma, u id-demm mbaġad yibqa' jei waħdu. Ġall ewwel ħafna, imma kif iġaddi iż-żmien inaqqas ftit ftit. F' nisa tal ewwel, id-demm iġaddi mil vajina minn ġair ma tkun taf il mara, iżda f'nisa li wildu drabiet oħra, ġal yumein, tlieta u daqqiet iżyed, ikun hemm l'ujiġ tad-demm, qawwi ġall ewwel, u ma kull wejġa yoħroj id-demm, ġalhekk yisseyyaħ tad-demm dan l-ujiġ. Aktarx ikun demm ħieles, xi daqqiet, l-iżyed ġal ftit siġat wara il ħlas, id-demm ikun biċċa maħlul u biċċa maġqud. Wara ftit taż-żmien id-demm li iġaddi, yibda yibyad, u mas-sitt iyem, yeu tmienia, isir bħal ħasil il-laħam, mbaġad abyad ġal kollox u isir bħal mukosità

yeu mħat. Wara ħmistax, it-tisfïa tinxef u tieqaf. Ġandi nġedilkom iżda li ftit huma dauk in-nisa li wara li yeħilsu ma yibqġux xi ftit mxarrbin ġal deyyem. U dana yijri l-iżyed, ġax wara il ħlas yaqbdu yitħabtu malair, u yitwaqqfu u ġal ħueyyej oħra ukoll, u ġal daqstant ma iħallux li il juf yarja ġal li kien, u minn xi daqqiet iġawwjuħ u imeyyluħ. In-nisa taġna ma yistġux yifhmu li ma ġandhomx ġax yibżġu mill aria, u li ġandhom yibżġu minn l-inteyyen u icċaqliq fis-sodda, u mit-taħbit wara li iqumu.

Mat-tliett iyem, kif ġedtilkom, yiji il ħalib, f'xi nisa yiji qabel, u minn xi daqqiet qabel il ħlas ukoll. Qabel il ħlas qatt ma ikun ħalib sewwa, ġax tafu li yekk mara li tkun tradda, toħroj tqila, tinduna ġax yonqosha il ħalib. Lanqas ġall ewwel, wara il ħlas ma ikun ħalib sewwa. Ikun ħalib safrani, u yisseyyaħ liba, u yityeb wara xahar; xi daqqiet ma yityeb xein la fil-leun lanqas fil ġamil tiġu, u ħalib dik il mara ma ikunx ijib il quddiem. Mara yista' ikollha kotra ta ħalib, iżda ittarbïa ma titqawwiex. Yista' ħobbha ikun iderri, u aktarx meta sider mara ikun iderri, il ħalib ikun rqieq, u ma ikunx ituq, u il mara titlef is-sustanzi ġal xein.

Meta yibda jei il ħalib, aktarx li il muluda tħossha xi ftit ħażin, tatiha xi tkexkixa tal bard, mbaġad tisħon, yaqbadha l'ujiġ ta ras, yonqosha l'aptit, ħobbha yintefaħ u yuja', fi ftit kliem, yatiha, kif nġeidu, id-deni tal ħalib. Wara xi yumein iġaddi kollox, il ħalib yibda

jei, l'ujiġ tad-demm iġaddi, u ftit ftit il mara tarja tħossha tayyeb bħal qabel il ħbiela. Iżda dana ma yijrix deyyem. Id-deni tal ħalib ma iġaddix, il ħalib ġandu mnein ma yijix, it-tisfïa tad-demm tieqaf, il mara timrad. Ġalhekk kif ġandi mnein narja nġedilkom, waqt id-deni tal ħalib, tayyeb li yiji it-tabib tad-dar, ġax ma tistġux tġeidu tkunx jeyya marda yeu le, u ġax yista' ikun yinħtiej li it-tabib yikteb ġad deni tal ħalib xi ħaja li ma tistġux tatuha intom. Il ħalib yibqa' qawwi u tayyeb sa disa' xhur wara il ħlas, u it-tarbïa, meta ikollha disa' xhur yeu ftit iżyed, tkun ħarjet is-snien ta quddiem, barra minn nyeb, u xi darsa. Dana ifisser li it-tarbïa tista' tomġod, u ġalhekk tiekol, u li ma taħtiej iżyed il ħalib. U ħażin yaġmlu dauk il boloħ li yibqġu ireddġu iżyed, daqqiet sa sentein u iżyed. It-tfal yimirdu b'imsarinhom, ma yimxux kmieni, ġax il ġadam yibqa' artab, u ġalhekk yitġawwej. U minn dan it-tul ta rdiġ fil kobor l-ulied yimirdu iżyed malair. Nista' nġedilkom wisq iżyed fuq li rdiġ ma ġandux idum, imma in-nisa taġna ma iridux yifmuh dan.

## IL HDAX IL TAQSIMA.

### IJIENE TA WARA IL HLAS.

Ġal żmien, ġall inqas erbġin, wara il ħlas, mara li ħelset ġandha tqis li taħdem mill inqas, u sa kemm tkun fis-sodda ġandha

ftit, u qalqaila, toqġod aktarx fuq jenbba, issa il wiħed, issa l-iħor. Il qġad bil qieġda fissodda yaġmel deni wisq, ġax l-imsaren irossu il juf l-isfel.

Il muluda ġandha iż-żomm ruħha nadifa, u taħt is-sodda u fir-rkeyyen ma ġandu yinħeba xein. It-tkasbir kollu ġal barra, ma ġandux yoqġod, kemm tieħu nifs, fein tkun hi. Ii friex yaħtiej ukoll li yinżamm nadif u il mitraħ, yekk ma yistax yitbiddel, kien kieku yaħtiej li yitnixxef ftit fuq il beit. Il ħmiej u ir-rueyyaħ yintnu inisslu id-deni f-demm il muluda. Yekk teġreq wisq, il ġaraq ġandu ikun mijbur b'xi ħaja niexfa tas-suf yeu tat-tayar, minn ġair ma wiħed yikxifha u yekk ħueyyijha isiru mxarrbin, ma ġandhiex tħallihom yinxfu fukha bħal ma yaġmlu xi uħud biex ma yeħdux riħ, ġax kif yaġmlu, yistġu yimirdu.

Nies bosta mal muluda ma yaġmlux ħlief deni. Il kliem żeyyed ijib l-ujiġ ta ras. Intom tafu x'yijri fi dyarna, meta ikun hemm xi ħlas—ma hemmx ġaliex nġeid xein. Ma ġandux ikun—lanqas f' il maġmudïa. Il mistednin ġandhom yoqoġdu x'imkien iħor, mux mal muluda. Naf mux waħda u tnein li bedġu iħossuhom ħażin wara il ġajeb li sar f'il maġmudïa.

L-ikel ġandu ikun ħafif, u tista' il mara ma teħux mbid. Sa kemm iġaddi id-deni tal ħalib ikun tayyeb li ma tiekolx ħlief brodu b'naqra ġajin rqieq, xi jeunaħ tat-tijiej, baida tal yum mġollïa, xi farka ħobż bil ġasel. Ilma

wisq, yeu xorb iħor żeyyed ma yaġmilx ħaja oħra, ħlief ineffħilha żaqqha. Yekk ikollha nixfa kbira, l-aħyar li taġmel, iżżomm gewwa ħalqha daqs jelleuża silj. Is-silj hua wisq aħyar mill ilma.

Yekk msaren il muluda ma iġaddu xein ġal yumein, tista' ma taġmel xein ġair lavattiv. Yekk dan ma iserraħhiex, it-tabib yatiha xi żeuj kuccarini żeit yekk kif yidhirlu xi ħaja' oħra. U yekk ma tġaddix aurina, it-tabib ineħħihielha bl-imserka tal fidda, kemm il darba ikun yinħtiej.

Kif yidher il ħalib, tista' taqbad it-tarbïa. Bl-ewwel redġa li tieħu minn ħadd iħor, deni yista' yijrilha. Yekk meta taqbad l-ommha, tibda tarda, tkun sabet x'tijbet, yekk tibda tġayyat u ma tritx taqbad ma ikun hemm xein ġaliha. U yekk ras il beżżula tal omm tkun sewwa, u it-tarbïa bla ħaita fil lsiena, ma ġandhiex l-omm twebbes rasha biex tqabbadha yekk tkun ġadha ma tritx taqbad. Meta yasal il ħalib, it-tarbïa taqbad u tarda'. Ma ġandhiex l'omm is-sewwet qalbha ġal xein. Il muluda, yekk ma ikun inqala' xein, tista' tqum mis-sodda wara disat iyem. Il lbies ġandu ikun tażżmien. U ġall ewwel ma ġandhiex taqbad tijri mad-dar u tiffacendia, iżda ġandha toqġod bil qeġda, yeu mimduda fuq kanapè, u ftit ftit tqum u id-dur mal kamra, u mbaġad mad-dar. Ma ġandhiex titħabat żeyyed u tarfa ħweyyej tqal mill-art. Wara ħamsa u ġoxrin yeu xahar tista' toħroj bil mixi. Ma ġandhiex tirkeb ġal

mkien qabel xi xahrein. It-tġeżżiż icaqlaq il juf li ġal żmien yibqa' tqil bid-demm, u il morliti ukoll xi ftit deyyem tħosshom wara il ħlas, l-iżyed yekk ras it-tarbïa yeu naħħa oħra idumu fil moġdïa minn fomm il vajina.

Meta tibda tradda', l-aktar tal ewwel, ġandha tqies l-omm li ma yinselħulhiex ryus ħobbha, u li tradda' biż-żmien. Ġall ewwel li it-tarbïa tkun tijbed ftit, ġandha treddaġha kull saġtein, mbaġad kull tliet siġat. Bil-leil treddaġha tliet darbiet biss. U rdiġ ġandu isir deyyem, kif nġeidu bil mètodu. Mux kull meta tibki it-tarbïa, ġandha tarda'. It-tarbïa ma tafx ħlief tibki, sewwa yekk tkun bil ġatx, kemm yekk tkun mxarrba yeu ikollha xi ujiġ yeu ma tkunx qeġda sewwa. Meta it-tarbïa tarda' bir-redġa, il ħalib ituqha iżyed u torqod f'sider ommha, ġax tkun xebġet, u lil omm yaħbtilha aħyar, ġax tkun tista' id-dur ma darha, u toħroj, yeu yekk tkun sinyura, tista' toħroj fil ġaxïa, tradda' it-tarbïa qabel ma toħroj u meta tarja tmur id-dar. Mbaġad hemm ħaja oħra: nġasha ma ikunx miksur bil-leil kull impulletta u il ħalib ikollu iż-żmien tiġu biex isir sewwa.

# IT-TNAX IL TAQSIMA.

## X'ĠANDHA TAĠMEL IL QABLA META ISEYYHULHA ĠAL MARA B'UJIĠ TAL HLAS.

1. Tmur minn ġair telf ta żmien.
2. Taġraf yekk il mara hïex tasseu tqila u bl-ujiġ tal ħlas.
3. Yekk tasseu ikun beda il ħlas, taġraf f'liema żmien tal ħlas tinsab.
4. Taħseb ġas-sodda tal ħlas.
5. Tara li ikollha fil qabda kull ma yista' yinħtiej ġal omm u ġat-tarbïa.
6. Waqt il ħlas tġin il mara.
7. Meta titwieled it-tarbïa, tara li tieħu in-nifs sewwa, u mbaġad iddur biha.

Il qabla ġandha minn ġair telf ta żmien tġajjel tmur meta tkun mseyyħa minn xi mara bl-ujiġ tal ħlas, ġax yista' yati li il mara teħtiej il ġainuna taġha, yeu lit-tabib, u ġax tkun weħidħa yijrilha xi ħsara, u it-tarbïa fit-twelid taqa' fl-art yeu li wiħed ineħħilha il kurdun minn ġonqha, u biex tieħu in-nifs tkun trid li wiħed iġinha. Yekk il qabla ma tmurx malair, tista' tiji fil ġali. Ikun wisq aħyar li tmur malair, u il mara ma teħlisx min ġairha, ġax yekk issib li il mara ma tkunx seira teħles, tkun tista' tħalliha ġal ftit biex imbaġad toqġod maġha ġal kollox.

Kif tasal ġand il mara li seyyħetilha, yekk ma tkunx tafha, u taf li kienet tqila, l-ewwel ħaja li ġandha il qabla taġraf yekk hux tasseu li hïa tqila. Xi nisa yaħsbu li ikunu tqal, u

kull ujiġ ta żaqq yeu ta xi mkien iħor, yaħsbuh tal ħlas. Daqqiet il qabla tkun mseyyħa minn nies mara tqila li ma tkunx qalet yeu emmnet li hïa tqila, u l-ujiġ li ikollha tkun trid tġid li hu xi ħaja oħra, yeu ġad li tkun bl-ujiġ tal ħlas, ma tkunx uriet lil niesha. Il qabla ġandha taġraf ukoll yekk hix tqila u yekk ġandiex ujiġ, u yekk dak l-ujiġ ikunx tal ħlas. Ma nisa hekk, il qabla trid timxi bill ġaqal. L-ewwel u it-tieni waħda iridu iqarqu biha, u hia minn ġair kliem xein tisia' tikxef il qerq taġhom. Yekk tqiġed idha fuq żaqqhom tikxef kull ma trid, li l-ewwel, waħda ma hiex tqila u li it-tieni, mux biss li hïa tqila imma ukoll seyyra teħles. Ma dik li ma tritx tkun tqila, ġalxein is-saqsiha, ġax ma tġedilhiex is-sewwa, ġalhekk ġandha toqġod fuq li tara b'ġaineiha, u fuq li tħoss b-ideiha, ġax tħalliha tqiġed idha fuq żaqqha u hekk il qabla tħoss li il kobor hemm l-ebusïa, u xi daqqiet issib bħal ġuda u uicc il mara yitqarras xi ftit, yeu yaħmar. Yekk tkun tasseu tqila, bla habi yeu qerq, iżda il qabla ma tkunx tafha, ġandha is-saqsi fuq il ħlas ta qabel yekk kellha tfal oħra. Iżda aktarx il qabla tkun imseyyħa minn waħda li taf li hïa tqila, ġax kienu tkellmu li ġandha ijjibha. Hauna ġandha taġraf hïex bl' ujiġ tal ħlas, u f' liema żmien tal ħlas tinsab. L' ujiġ tal ħlas ma ix-xebaħx f'kull żmien. Ftakru. L-ewwel nett yekk inhüa ujiġ tal ħlas, ma kull wejġa il juf yebies, u yekk tmissu il mara, "t'esaminauha," issibu li kif yebies il juf ma kull wejġa

il fomm yaħbat yinfetaħ, yeu tħossu b'xifru id-daura tiġu mal wejġa tebies; u yekk ikun nfetaħ xi ftit ma kull wejġa, ġair li ġedna, tħossu li l-isqïa taħbat issir; u yekk il fomm ikun miftuħ iżyed, waqt il wejġa l-isqïa tebies u tikber, u yekk tkun nkasmet, tħossu it-tarbïa. Taf li fl'ujiġ tal ftuħ, il mara tġayyat u tit-habat u tġid ħafna kliem, u fl' ujiġ tal ħruj il mara ma tġayyatx, iżda titqanżaħ u titfa'. Dana kollu ikun aktarx biż-żeyyed biex taġarfu yekk mara hïex tasseu seyyra teħles, u f'liema żmien tal ħlas tinsab. Ġandkom issaqsu lil mara yeu lil min ikun magħha, kemm ikun ilu li beda il ħlas, yekk ħassetx xi ħaja barranïa, yekk ħallihiex xi demm, u yekk ikun jieha l-ilma, meta jiè fil bidu tal ujiġ yeu wara kemm żmien, u yekk kienx hemm wisq ilma, u yekk kenetx mdardra yeu xeħtetx. Dina il mistoksìa kollha issir waqt li il qabla tkun tħares lein il mara u waqt li tmissilha żaqqha. Ġalħekk ma ikunx emm telf ta żmien—ġax daqqiet ikun yinħtiej li wiħed iġajjel daqxein. Wara li tkun il qabla rat fuq fuq, ġanda tġid xi tkun trid, u tarja tara sewwa il mara, u ġandha mnein titġallem liema hïa il preżentazzioni, u liema qaġda. Mux in-nisa kollha yoqoġdu malair biex tmissuhom. Xi uħud ikunu beżżeġin, u tal ewwel kollox iwejjaghom u ma iridu iħallukom taġmlu xein. Ma dauna in-nisa wiħed irid yibda iwitti it-trieq, kif il mara issaqsihom, xi kemm iddum, tġidulha li ma tistġux tġidulha, ġax ma tafu xein kemm hïa fil boġod it-tar-

bïa, li yekk kienet tħallikom tarau kontu tġedulha. Xein ma ideyyaq mara fl-ujiġ tal ulied, ħlief l-aħbar ta meta teħles. L-ujiġ hu hekk qawwi u kbir, li mara biex teħles, taġmel kollox. U ma nafx kienx hemm xi mara li ma rieditx taġmel operazzioni biex teħles. Bil kelma it-taiba, bit-talb, bit-tama tat-tarbïa, daqqiet ukoll bi ftit tat-theddit mir-rajel, yeu mill omm, il mara toqġod ġal kollox. Mela seirin tmissuha—u issa u il waqt li nġedilkom kif taġmlu *l'esplorazzioni*—din il messa. Il mara tista' tibqa' bil wieqfa yekk ġadha bġid, ijjibuha daharha ma xi mkien biex ma terjġalkomx l-ura, u tġedulha biex iżżomm saqaiha 'mfettha. Il qabla toqġod fuq ir-rkobba tal lemin, u tidlek it-tieni saba ta îdha tal lemin biż-żeit yeu b'xi ħaja oħra. Mbaġad b'îdha tax-xellug, l-ewwel tarfa' ftit dyul il mara kemm tkun tista' tġaddi îdha l-oħra, u wara tqeġidha fuk żaqqha biex tirfed il qiġ tal juf. Îdha tal lemin tibqa' tielġa sal vulva, u meta tasal hauna, il qabla ġandha tiftaħ wieqaf sebaġha il midluk u taġlaq l-oħrain, il kbir minn fuq. Ġandha tqiġed it-tieni saba quddiem ix-xaqq tal vulva, bit-tarf l-isfel lein il fundament, u ġandha tmiss il vulva bil jenb tiġu. Mbaġad tibda biex ittalla' îdha il fuq, minnġair mattarf tas-saba yitbiġed mill vulva. Dana isir biex tista' issib it-toqba tal vajina minnġair ħafna teftif li ideyyaq il mara.

Darba li sibtu fomm il vajina, iddaħlu sebaġkom man-nofs tal fetha, sa kemm tħossu

il fomm tal juf. Yekk il mara tkun fis-sodda, ġandkom taġmlu kull ma ġedtlilkom minnġair ma tikxfu il mara.

L-aħyar li tmissu il mara ikun, ftit qabel ma tibda il wejġa, u iżżommu sebaġkom mall fomm sa kemm tġaddi; hekk b'daħla tas-saba waħda tarau il mara waqt u bein l'ujiġ. Kif ikollkom sebaġkom jol vajina, tarau ukoll yekk il musrana tkunx mimlïa, u il bużżieqa ġandiex aurina. Meta ikun hemm ħmiej fil musrana, sebaġkom iħoss il wara ħotob yeu ġoqda li tista' tfattru, u meta il bużżieqa tkun mimlïa, tħossu li in-naħħa ta quddiem tal vajina ikun ġoli. B'dina il messa, il qabla taġraf yekk fomm il juf yebiesx mal-wejġa, u yekk hux yinfetaħ yeu miftuħ; iżyed yekk hemmx sqïa, u meta il ħlas ikun mexa, liema hi in-naħħa tat-tarbïa, u kif inhïa qeġda. Yekk ikun ġad hemma is-sqïa, ġanna nibżġu ġaliha, waqt il wejġa 'mmissuha qalqail, u meta tġaddi il wejġa, nistġu narau nħossux it-tarbïa. Ikun yinħtiej li 'mmissu il mara mill inqas li nistġu; darba meta naslu, xi darba oħra meta il mara taħbat tiddardar, u xi darba oħra wara xi żmien biex naġarfu kemm imxiet it-tarbïa.

Issa nġaddu ġas-sodda tal ħlas. Tafu li dari in-nisa taġna kienu yeħelsu fuq issijju. Il ħaqq ta żmienna ma iridx li dana isir iżyed, ġax il qabla ma tistax tirfed sewwa il perineu tal mara, meta tkun qieġda fuq is-sijju, u it-tarbïa ma tkunx mwieżna sewwa; u yistġu yijru ħsarat oħra. Imma in-

nies yidhrilhom li yeħilsu aħyar fuq is-sijju, imma ma hux tasseu. L-aħyar qaġda fil ħlas hïa meta il mara tkun mimduda. Barra minn Malta kullħadd yeħles mimdud, u it-tobba kollha iġeidu li hu wisq aħyar ġall omm u ġat-tarbïa, li teħles mimduda. Arau kemm huma boloħ in-nisa taġna, u x'fehma ġandhom, li kif il liji neħħiet lil qwiebel is-sijju, kien hemma minn ġamel sijju ġalih, yeu minn webbes rasu, u ħeles fuq żeuj sijjïet ħada xulxin, u kull yum nisma' li ihedd'du lil qabla li ma iġaitul-hiex yekk ma tħallihomx yeħelsu kif iridu. Xtaqt li il qwiebel kellhom il ħila yiftehmu beiniethom li ma yaġmlu xein li ma tritx il-liji. U yekk ma yaġmlux hekk, sa fl-aħħar tinqabat xi waħda, mbaġad iġadduha majis-trat, u aktarx yeħdulha il warrant ta qabla. Yekk ma tridux taġlu, ma ġandkomx xi tri-duh dan is-sijju, u kull ma yixbhu. Mela il mara ġandha teħles mimduda, ġal daharha, yeu la jenba, fuq sodda yeu kannapè. Lili yoġjobni iżyed li il mara teħles f'sodditha, biex wara il ħlas ma ikollhiex ġax titħarrek. Ġalhekk din is-sodda tal ħlas ma hïa xein—ħlief is-sodda ta kullyum hemma fein tkun qieġda ġal ħlas, ġandha tkun mifruxa kif seyyer nġedilkom, biex wara il ħlas tkunu tistġu tqeġdu il mu-luda fin-nadif u in-niexef. Il mitraħ ma ġan-dux yaġmel ħofra fein tkun qeġda, u fein yiji il maqġad oġla. L-ewwel ma ġandkom tqeġdu fuq il mitraħ xi ħaja biex l'ilma u id-demm ma yinfidx, xi jild tayyeb, yeu ncirata, u f'dar

is-sinyuri issibu ġal dana bicca xoqqa tal gommalastka, li ġandha tkun twila xi daqs is-sodda, u wiesġa daqs nofsha. Fuqha tqeġdu bicca ta liżar daqsha, u fein yaqbel mal maqġad tal mara, tqeġdu liżar oħxon ġal tmienia, li nseiħu twittïa. Dana hu kull ma yeħtiej. Kien ikun tayyeb li ikollkom fil qabda xi twittïa oħra, u ħafna ħrieqi biex tijbru kull ma yoħroj mil vajina, ilma u demm, u fisqïa ta wara taż-żaqq, li ġad li nġedula fisqïa, ma hix hekk, ġax fisqïa tkun yebsa wisq, u ma tkunx wiesġa biż-żeyyed. Bicca tax-xoqqa samra ftit ħoxna, yeu tal ġażel li tkun twila biż-żeyyed biex iddur darba u nofs ma żaqq il mara, u wiesġa biż-żeyyed biex tilħaq sal kustilya mill ħotba tal ġadma tal wirkein, xi sinyuri ikollhom waħda mfassla. Tkunu tridu labar taiba li iġaddu malair.

Tkunu teħtieju xi kaxxa ġal saqain is-sodda fuqhiex tkun tista' tiffronta saqaiha; tayyeb ukoll li torbtu ma sieq il waħda tas-sodda liżar mgerbeb biex fuqu tijbed il mara, yeu ħabel u fein tkun il qabda iddauruh bic-craret biex ma twajjax ideiha. In-nofs tas-sodda l-iħor ġandu ikun mifrux sewwa, bil ložor sbiħ u il ġata tal ħlas; iżda in-nofs li yaqbel ma fein tkun qeġda ġal ħlas il mara, ġandu ikun mgerbeb. Wara li teħles, u tneħħu it-tarbïa, tijbdu it-twittïa mkasbra, tħallu l-incirata, fuqha tġaddu il liżar ta taħt, u tijbdu il bqia tal friex fuq il mara, mbaġad tfisqulha żaqqha kif nġedilkom il quddiem.

Xi ħweyyej li teħtiej il qabla yen ġadni kemm ġedtilkom—ħrieqi, twittïet, il fisqïa, labar, naqra ammuniaka fi flixkun, ftit kocci tal ludini. Mbaġad tkun trid xi ħweyyej ġat-tarbïa—ħaita ħoxna ġal kurdun, mqass ta qabla, lbies tat-tarbïa—craret ġaż-żokra u faxxa, fisqïa tas-sider, skufia yeu xein, qmis tax-xoqqa, oħra tas-suf, libsa, ġata tas-suf yeu ta xi ħaja oħra, sponża ratba yeu bicca flanella, sapun tayyeb, u ftit żeit yeu baida. Ġandu ikun hemm ilma jewwa buqar ckeiken, flixkun bir-rum, misħun (tġeidu lin-nies taddar li tkunu tridu misħun), fiex taħsel it-tarbïa, banyu yeu lenbïa, bicca tas-suf biex tiksiha wara il banyu, u f-laħħar ġandkom taħsbu fein tqeġdu it-tarbïa, sodda ckeikna—mux nieqa tar-riħ yeu li ticcaqlaq, ġax it-tobba yaħsbu li iccaqlieq tan-nieqa yaġmel id-deni lit-tarbïa. Ic-craret taż-żokra, barra mill faxxa, huma tnein, u it-tnein tal ġażel: waħda rqieqa, xi daqs tliett iswaba, b'erba rkeyyen, u minn naħħa waħda mixquqa sannofs; l-oħra tkun mitnïa ġal erbġa. Fix-xaqq tal ewwel waħda nqeġdu il kurdun, u fuqu nitnu in-naħħa li ma hiex mixquqa, fuq kollox nqeġdu il bicca l-oħra. Wara li il qabla tkun ħasbet ġal dana kollu, u rat li kollox ikun sewwa, kemm il darba ma tkunx mseyyħa fl-aħħar tal ujiġ, li ma tkunx tista' tħalliha xein, ma ikollhiex x'taġmel sa kemm il mara tasal fit-tieni żmien. Toqġod ma dwarha, tġaddilha ftit iż-żmien, ġandha tara xi

tħarrfilha, li iżżommha imfarrja u qalbha qawwïa u tlesti kollox. Tara ġandhiex kollox magħa. Fit-tieni żmien yibda tasseu xoġol il qabla, ġax tkun trit tġînha bil kelma u b'ideiha, u wara li teħles bis-sliema tieħu ħsieb it-tarbïa u il placenta, u wara kollox tnaddaf u tfisqi il muluda. In-nisa tal ewwel ma ikunux yafu iġinu l'ujiġ, u ikun yinħtiej li wiħed ifehimha li meta tibda il wejġa, ma ġandhomx la yitkellmu, lanqas yiftħu ħalqhom, iġayytu u yitħabtu—iżda mal wejġa ġandhom yeħdu nifs twil u yaġalqu ħalqhom biex iwebbsu sidirhom, u il laħam ikollu qabda sħiħa fil ġainuna.

Mela la fil ħlas u lanqas fil ħbiela arau li qatt tħallu min yitkellem mal mara fuq xi ħlas ħażin li yijri, yeu fuq xi ħueyyej li isewwdu il qalb. Waqt il ħlas kliemkom ġandu ikun li ifarraj il qalb. Qatt ma ġandkom tġedulha li ila, u li qieġda tbati iżyed minn ħattiħor. Yekk il mara titbażża', ġandkom tħennulha qalbha billi tġedulha kemm malair xi nisa yeħelsu, kemm ikun kbir il ferħ tagħha meta issir omm, u ta kullħadd meta titwieled it-tarbïa, kemm hu sabiħ u mbierek iż-żwiej bit-tfal, li l-ujiġ tal ħlas riedu Alla, kullħadd ibati xi ftit, u li ġad tbierek it-tbatïa kollha u tinsiha ma l-ewwel twerżiqa tat-tarbïa, li iżyed ma tbati ġaliha tkun tġożża iżyed. U yekk ikun yinħtiej it-tabib, arau sewwa li meta tġidulha ma tbeżżġuhiex. Ma ġandkom qatt tġedulha li hïa ma tistax teħles, ibdġu biex tġidulha, l-iżyed yekk tkun ta l-ewwel illi hemma

xi ħaja, trab yeu ilma li yatu it-tobba, li tħelles malair, mbaġad saqsuha tridx teħles malair: hïa tġedilkom iva. Warrbu biex tarau min hu seyyer ġalih, u yekk tkunu tistġu tġħeidu kollox lin-nies tad-dar; u intom meta yidħol it-tabib ilqġuh b'dana, li bġattu ġalih biex yikteb il qratas. It-tabib yaf kif ġandu ijib ruhu, mbaġad intom tġedulu kull ma jara— meta beda il ħlas, kemm dam l-ewwel żmien u meta infetaħ il fomm, yeu yekk yinfetaħx, meta inqasmet l-isqïa yeu kif jeyya it-tarbïa, u kif hïa qeġda, yeu lein fein hu dahar it-tarbïa, ġadhiex hemm, kemm ila fit-tieni żmien, kif kien l'ujiġ, kienx hemma xi telf ta demm, u yekk it-tarbïa ġadhiex ħayya: f'kelma waħda ġandkom tġedulu kif, sa kemm bġattu ġalih, mexa il ħlas. Aħna ma ġanna qatt, u bl-ebda kliem u b'xein inbeżżġu mara fil ħlas, ġaliex bil biża l-ujiġ yista' yeqaf, u yista' yijrilha xi ħaja oħra.

Ẋ'tista' tiekol u tixrob il mara waqt il ħlas ġandu ikun f-ideikom. Tħallux li kullħadd yatiha li irid. Ġall ewwel tal ħlas sa kemm l-ujiġ ikun biered, xi nisa ikollom il juġ, u bosta yeklu. Yekk tkunu hemm intom, ġeddulha xi kelma li ikun aħyar kieku toqġod ftit ħafifa. Xorb ta imbit żeyyed hu ħażin, ftit bħal ma dari tista' tixrob. Spîrti tħalluha tixrob qatt, ħlief yekk toġxa yeu tkun seyyra toġxa. Ġandkom deyyem tġenuhom lin-nisa fil ħlas, u nista nġid lil kullħadd, illi l-imbit u l-ispîrti ma yatux ħlief saħħa li tġaddi

malair, u wara, l-imbit u l-ispîrti iħallu uraihom telqa kbira, u ġalhekk min hu moġti ġax-xorb, beda deyyem bil ftit. Wara il ħlas, yekk il mara tħoss il bard, u tirtiġed, sa kemm dana ma ikunx jei minn xi telf ta demm, tkunu tistġu tatuha ftit imbit sħun biż-żokkor—yeu xi ftit brandi—iżda deyyem ftit. Il brandi mas-saħħanx, lanqas l-imbit; il misħun biss isaħħan. Yekk tkun kiesħa biss, minnġair ma tkun mitluqa ukoll, xi ħaja sħuna sewwa, tkun li tkun, hi aħyar mill imbit. Ġair imbit u spîrti, tista' tixrob li trid. Iżda ġall aħħar tal ħlas, meta il mara tkun sħuna, aħyar li ma tixrobx xein kiesaħ żeyyed. Ġandkom tarau waqt il ħlas li il bużżieqa tal aurina u il musrana ma ikunux mimlïa. Saqsu lil mara kemm ila ma tkecci minn wara u minn quddiem. Yekk xi ftit ilu ħadetx xi porga. Yekk il bużżieqa yeu il musrana ikunu mimlïa, fil ħlas yistġu ibatu. Porga ma ġandkomx tatuha; ġamlulha lavattif. U l-aurina neħħuha bil kateter, kif seyyer nġedilkom. L-ewwel nett ma ġandkomx tikxfuha.

Il kateter hu bħal mserka; yista' ikun tal fidda yeu tal gommalastka minnġair fildiferru. Tal gomma xi darba yeħtiej; aktarx indaħħlu tal fidda. Dana ġandu il ħxuna ta bruncella catta, f'tarf wiħed li yidħol jewwa il bużżieqa ġandu ħafna toqob irqaq, u it-tarf li yibqa' barra hu maġmul issa hekk yeu hekk. L-aħyar ġandu ikollu bicca li tista' iddur, u ġandha bħal żennuna.

Ġedulha tiftaħ wirkeiha u tarfa' rkubteiha. Oqoġdu bil wieqfa;in-naħħa tal lemîn tagħa, qeġdu ħada il vulva aurinar ckeiken yeu it-tapsina. Mbaġad ficcu bit-tieni saba il ġolya bein fomm il vajina u fomm l'uretra; ġaddu idkom il lemenïa minn taħt irkobbitha tal lemin, tan-naħħa tagħkom, bil kateter midluk b'naqra żeit, u fix-xitwa msaħħan, sibu is-saba ta idkom l-oħra, u fuqu żerżqu tarf il kateter l-imtaqqab il fuq minn dik il ġolya, ġandu yidħol jo fomm l-uretra malair. Ma ġanniex nimbuttauh bis-saħħa, iżda bil ħlewwa u bla ujiġ xein. Sa kemm indaħħluh jewwa il bużżieqa, nżommu iż-żennuna il fuq, mbaġad meta narau li daħal sewwa ġax inkunu nistġu ndawwruh bein subġaina, naqilbu iż-żennuna l-isfel lein it-tapsina u tibda ħierja l-aurina. Meta ma yifdalx x'yoħroj, nerjgħu indawwru iż-żennuna il fuq, u noħorju il kateter kif daħħalnieh. Tal gommalastka yinħtiej meta il bużżieqa mimlïa tkun merfuġa il fuq minn naħħa tat-tarbïa li tkun jeyya l-ewwel. U sa kemm indaħħluh, biex aurina ma toħrojx qabel il waqt, aħna u qeġdin indaħħluh, inżommu sebagħna fuq fommu.

Waqt il ħlas, sa kemm il juf ma ikunx miftuħ, il mara ma ġandhiex tagħmel ruħha toqġod ġal ħlas, titqanżaħ, tġin l-ujiġ u teġya qabel il waqt. Wisq nisa yeħdlu u ma yeħilsux minnġair tabib, ġax il qabla ma tagħmilx li ġandha tagħmel. Fl-ewwel żmien tal ħlas, l-iżyed qabel ma l-ujiġ yibda ikattar, il

mara tista' taġmel kull ma trid. Intom tafu li xi nisa yibqġu yaġmlu il facendi tad-dar ġal kemm m'hux sa titwieled it-tarbïa. Dana l-anqas ġandu ikun. Mal fetħa tal fomm tħalluhiex il mara bil wieqfa. Wara il ftuħ tal fomm nibdġu nistenneu it-tarbïa. In-nisa tal ewwel aktarx idumu minn ftit siġat sa tnax, yeu ħmistax. Imma iżyed minn waħda minn dauk in-nisa li kellhom it-tfal, mal ftuħ tal fomm, tinqasam l-isqïa, u f'wejġa waħda titwieled it-tarbïa b'ta wara uraiha. Ġalhekk kif il mara tkun dieħla f'it-tieni żmien tal ħlas ġandha timtedd ġal ħlas. In-nisa taġna yeħelsu ġal daharhom. In-nisa ingliżi iħobbu yimteddu fuq ix-xellug biex waqt il ħlas yaħbu wiccom u ma yistħux; il qabla yeu it-tabib yoqoġdu in-naħħa tal lemin tas-sodda. Iżda f-dana it-tieni żmien tal ħlas sa kemm il preżentazzioni ma tkunx ġaddeyya mil fetħa tal ħarja, il mara tista' toqġod kif trid. Meta il mara yoġjobha teħles ġal daharha, in-nâtki tagħa ġandhom ikunu daqxein merfuġa mis-sodda, biex meta titwieled it-tarbïa, yekk tiji minn rasa, wiccha ma ikunx yista' imiss mas-sodda, u tkun tista' tieħu in-nifs sewwa. Meta teħles la jenba, tqeġdulha in-nâtki max-xifer tas-sodda tan-naħħa taġkom. Arau li ma tħalluha teħles qatt fuq is-sijju ta dari, l-anqas fuq xein bħalu biex tidħku bil-Liji. U l-anqas ġandkom iżżommu jewwa dârkom dan is-sijju; ġax xi darba, yekk ikun ġandkom, tistġu teħduh f'xi ħlas. Ġad li ġedtilkom li kull ħadd yista'

yċħles kif irid, xi darba meta il juf ikun immeyyel il quddiem, il mara ġandha teħles wiċċha il fuq, ġax meta hu hekk il juf ikun yista' yitfa' man-nofs tad-daħla aħyar.

Il mara ġandha tġin l-ujiġ wara il ftuħ tal fomm. U biex tġin l-ujiġ, ġandha titfa' b'sakaiha fuq tâvla yeu xi ħaja oħra f-saqain is-sodda, tijbed fuq liżar yeu ħabel marbut ma saqain is-sodda, yeu îd xi ħadd ma dwarha; u ġandha ukoll titfa' l'isfel, titqanżaħ, bħalli kieku biex tġaddi xi haja minn wara. Yintġatau xi ħlasïet li fihom il mara ma ġandhiex tġein l-ujiġ. Huma dauk li isiru bil ġajla, l-ujiġ ikun qawwi wisq; ġalhekk il mara ġandha tħalli il juf yaħdem waħdu, bla ġainuna ta xein. U il qabla, l-aktar yekk il ħlas tal-ewwel, meta tirfed il perineu biex il ħlas ma isirx malair, ġandha b'îda tilqa' il preżentazzioni, u tweżinha fil mixi tagħha. Lanqas ġandu ikun hemm tfiħ yeu tqanżiħ. U dana kollu nagħmluh, ġax inkella fomm il vajina u il perineu ma ikollomx iż-żmien kollu li yiħtieju biex yitwessgħu bla ticrit, u tista' tijri fost ħweyyej oħra telfa kbira ta demm. Ġadni kif ġedtilkom illi fil ħlas ġandkom tirfdu il perineu, li b'ras it-tarbïa yeu b'naħħa oħra yijjebbed u yirqaq, li it-tarbïa xi drabi baqġet ġaddeyya minn jo nofsu, yeu cartitu mil furketta sattoqba tal fundament. U ġal mara din hi ħsara kbira, tasseu li it-tobba isewwuha; iżda tibqa' deyyem tiswïa, u wisq aħyar li il perineu yibqa' sħiħ. Dina il ħsara kollha ma issirx kull-

yum; inwiddibkom biex ma tijrix lilkom. Ma ġandkomx tistenneu, ġat li nirfdu il perineu, illi il vulva tal mara tarja issir wara il ħlas bħal ma kienet qabel. Naġmlu x'naġmlu, il furketta iintilef deyyem. Ir-rfid tal perineu isir b'îdna tal lemin mgeżwra jo carruta, u nqeġduha is-saba il kbir naħħa waħda, u l-oħrain in-naħħa l-oħra; mqeġda hekk îdna, il fetħa bein is-saba il kbir u l'oħrain tiji taqbel mal ġaqda tal warrani. Waqt il wejġa inżommu îdna ħaja waħda mal perineu, u hekk ir-reqqa tiġu tkun meġyuna mn-îdna, u waqt il moġdïa tat-tarbïa il ġaqda tal warrani ma tintmessx. Ġair il perineu, îdna ġandha tirfed ukoll il fundament, ġax inkella il morliti yinteffiu iż-żeyyed, u wara il ħlas ma ijibux ħlief tbatïa lil muluda. It-ticrit tal perineu yista' isir l'iżyed huma u ġaddeyyin ir-ras, l-ispallein u in-nâtki. Ġalhekk nirfdu il perineu, m'hux biss hia u ġaddeyya ir-ras, imma ukoll fl-ispallein u fin-nâtki. Imma biex nirfdu il perineu wara li tkun ġaddiet ir-ras, ma ġanniex ninseu li it-tarbïa tista' tifga yekk ħalqha yinsadd mal mitraħ; ġalhekk b'îdna il lemenïa nibqġu nirfdu, u bl-oħra nerfġu ftit ras it-tarbïa minn jbinha. Ġanna nittendu ukoll ġal ħaja oħra: ġanna nfieeu yekk ma ġonq it-tarbïa m'hux imdawwar il kurdun taż-żokra, ġax yekk ikun hemm, yinħtiej li nħolluh malair bla telf ta żmien xcin. Il kurdun aktarx naqelġuh bla tbatïa. Ġanna nġaddu taħtu it-tieni saba ta îdna il-lemenïa, u nqabbżuh fuq ir-ras. Daqqiet

ikun imdawwar darbtein. U xi daqqiet ma nistġux naqelġuh, ikollna naqtġuh. Meta neħtieju naqtġu il kurdun, ġanna niftakru li yekk it-tarbïa ma titweletx malair, tista' tmut. Ġalhekk, sewwa yekk qabel il qtiħ norbtuħ yeu le, ikollna nijbdu it-tarbïa. Biex naqtġu il kurdun, inġaddu żeujt iswaba, it-tieni u it-tielet ta îdna ix-xellugïa, u beiniethom naqtġu blimqass minnġair ma nwejjġu it-tarbïa. Yekk inkunu nistġu nġaddu żeuj rabtiet, qabel ma naqtġu, ikun aħyar. Qabel ma naqtġu, nistġu ukoll, xi darba fil, nieħdu bein subġaina tarf il wiħed, u l-iħor natuh lil xiħaḍd iħor. Aktarx ikollna naqtġu bla ma norbtu, u ikollna nijbdu it-tarbïa malair mill ispalla li tkun tħares il wara. Nġaddu jewwa il vajina, kemm nistġu il fuq, it-tieni saba tal-lemin sa kemm insibu taħt l-ispalla, mbaġad nġaddu sebġana mitni bħal grampun, u nijbdu man-nofs tal ħarja. Din id-darba biss tista' il qabla tijbet it-tarbïa minn fuq jisimha. Arau qatt tijbduha meta tkun jeyya minn rijlciha, ġax taġmlu ħsara kbira billi tiftħu ir-ras fuq daharha. Dan il jbit fil ħlas mir-rijlein ġandu isir mit-tabib. Meta il kurdun yinħtiej yinqata' ġax hu mdawwar mal ġonq, ma yistax idum hekk minn ġair ma tmut it-tarbïa. Kemm tistġu qiesu li tikxfu kmieni yekk il kurdun hux mdawwar mal ġonq, biex yekk yidhrilkom li ma ġandkomx ħila taġmlu dak li ġedtilkom, ikollkom iż-żmien kollu biex tibaġtu ġat-tabib.

Li ġandkom tarau wara li titwieled it-

tarbïa hu deyyem yekk il juf hüiex mijbur fuqu innifsu, hüiex yebes, u yekk hemmx xi demm jei barra mil qies. Tafu fein ġandkom tfittxu il juf? Fl-*ipogastriu* bein il pube u iż-żokra. Yekk il juf hu yebes, aktarx ma ikunx hemm telfa ta demm. Dauna iż-żeuj ħueyyej ma ikunux flimkien ġad li il juf yista' ikun yebes naħħa u fein yinħass, u merhi il wara. Kull meta wara il ħlas il juf yintreħa, ġandu yiji id-demm, ftit u wisq, barra yeu jewwa. Yekk il juf ma ikunx yebes, biex twebbsu, ġandkom tmissu, taġsru ftit, tidilku b'îdkom l'*ipogastriu*. Darba li webbistu il juf, yeu yekk inhüa yebes, orbtu il kurdun u aqtġuh kif inġedilkom il quddiem. Wara it-tarbïa nistenneu il placenta. Dina daqqiet tiji mat-tarbïa, daqqiet ma tijix weħidha. Bein dana li yista' yijri, il placenta tista' tinżel fil vajina, yeu tibqa' fil juf. Meta tibqa' fil juf, ġandha mnein tkun maqluġa yeu mwaħħla ġal kollox yeu le. Sa kemm il placenta tibqa' jewwa il juf, yista' yijri telf ta demm jewwa yeu barra. Aħna ġanna deyyem inżommu il juf yebes, u yekk wara saġtein (wisq aħyar m'huxiżyed) il placenta ma tijix, u ma tkunx fil vajina, ġanna nibaġtu ġat-tabib. Yekk tkun fil vajina tistġu tijbduha intom. Daħħlu îdkom kollha fil vajina bħal feles; meta taslu fuq il placenta iftħu subġaikom u aqbduha tayyeb, u ijbduha il barra deyyem man-nofs tal ħarja, u dawwruha biex tilwu il membrani u ma yitqattġux jewwa il juf.

Yekk tijri xi telfa ta demm sa kemm tiji il placenta, qabel u wara il ħlas, id-demm yista' yoħroj il barra yeu yinjama' jewwa il juf.

Id-demm li yoħroj kullħadd yarah. Ftit, u daqqiet ftit sewwa yoħroj deyyem mat-tarbïa u uraiha. Iżda meta yibda yijri u iġaddi il mitraħ, dik hîa emorrajïa. U yekk id-demm yibqa' ħierej, il mara tista' tmut f'qasir żmien ġax id-demm li yista' yoħrog mil juf wara il ħlas iġajjeb. Meta il juf yintreħa, bein il qalb u il juf ma hemm xein li iżomm id-demm mill arterii u mil vini; u billi dauna huma kbar u wesġin, id demm yoħroj, bħal meta naqilbu qolla bl-ilma fommha l-isfel. Il jabra tal juf biss iżżomm id-demm u il ġaxwa.

Meta id-demm yinjabar fil juf, ma narauhx; iżda yinħtiej li tkunu tafu mniex tindunau li qeġda issir emorrajïa. Ġax il mara tmut b'emorrajïa sewwa yekk id-demm yoħroj barra, kif yekk yinjabar jewwa. Darba li id-demm iħalli l'arterii u il vini, ma ituqx il jisem, u tijri il meut. Is-sintomi ta l'emorrajïa minn jewwa huma qarrieqa wisq, iżda tindunau malair yekk il juf ma ikunx yebes. Is-sintomi tal emorrajïa, barra m'id-demm huma bħal tal ġaxwa. Il uice yibyad, il ġainein yinġalqu yeu ma yieeaqelqux, il jisem yiksaħ, il mara tara id-dlam, widneiha yibdġu iżanżnu, ma tiflaħx titkellem, tintreħa, u nifsha yiksaħ, tista' theuden, yeu tintilef ġal kollox, yatiha bħal tal qamar, u fl-aħħar, yekk id-demm yibqa' ħierej, tmut. Bosta drabi in-nies yaħsbu li il

mara hïa ma tiflaħx biss, u yatuha il brodu, u xorb. B'dana ma tijix ġal tagħa, ġax id-demm yibqa' yinjabar jewwa il juf u lebda xorb ma yista' yisteiqinha. Yinħtiej li id-demm yeqaf. Ma ġandix nġedilkom illi meta hemm emorrajia minn barra yeu minn jewwa, ġandkom isseyyħu it-tabib, u l'eqreb u l-ewwel tabib li yinsab. Sa kemm yiji, tistġu tġayyxu il mara. Ġandkom tħittxu deyyem li twebbsu il juf. Ibdġu biex tidilku żaqq il mara, qeġdu craret kesħin silj u sħan ibaqbqu waħda wara l-oħra, yekk il juf ma yebiesx, aġsruh minn barra jewwa ideikom u rossuh. Kif yebies, yitfa' barra id-demm kollu li yinjama' jewwa·fih, nofsu maġqud. Kif yiji it-tabib, itilqulu il marida f'ideih.

Qabel ma taħseb ġat-tarbïa, tnaddaf malair il muluda bi-sponża fina, tbiddlilha it-twittïa, u tfisqiha.

Biex tbiddlu it-twittïa, aqilbu il mara fuq jenb il wiħed, gerb'bu l-ewwel it-twittïa il maħmuja, u qeġdu magħa it-twittîa nadifa mgerb'ba ukoll sa nofsha. Mbaġad dawwru il mara fuq jenbha l-iħor, iż-żeuj nofsïet ta twittïet mgerbb'ba yiju in-naħħa l-oħra, u tkunu tistġu tneħħu ġal kollox il maħmuja, u tiftħu in-nadifa. Hekk ġandkom tagħmlu meta ikun il liżar ta taħt li tkunu tridu tbiddlu. U biex tbiddlu ta fuq, ijbdu il maħmuj minn taħt il kutra lein is-saqain u minn din in-naħħa, minnġair kxif, tġaddu innadif. Il fisqïa ta wara il ħlas tista' tkun

bicca tax-xoqqa, tal ġażel yeu tat-tayyar, twila kemm yinħtiej biex iddur ma jisem il muluda darba u nofs, u wiesġa biż-żeyyed biex tilħaq minn nofs il pelvi sa'l kustilyi. Fuq il juf yebes, fl-ipogastriu qeġdu żeuj ħrieqi mitnïin ġal tmienia, u żommu idkom tal lemin fuq-hom. Mbaġad xi ħadd iżomm leih it-tarf ta lilhinn ta din il faxxa, intom tijbdu it-tarf ta leikom b'idkom ix-xellugïa, u taqelbuh fuq żaqq il mara; u kif taġmluh hekk, tijbdu l'îd il-lemenïa minn taħtha. Dan it-tarf yeħdu min kien iżomm it-tarf l-iħor, li intom ijjibu leikom u tehemżuh b-żeuj labriet li yinqaflu. Is-sinyuri yaġmlu din il fisqïa bit-tifsil. Dak li yinħtiej hu li tirfed iż-żaqq u il juf. Wara il fisqïa, tqeġdu ħarqa mal vulva u twiddbu tayyeb lil mara, li ma ticcaqlaqx. Ic-caqliq wara il ħlas yaġmel deni wisq. Minn xein ma ġandha tibża' muluda ħlief mic-caqliq u mill qġad bil qeġda qabel il waqt. L-aħyar li toqġod fis-sodda muluda, hia la jenba; ġal daharha deyyem ħażin. U ġall ewwel ġandha tradda mimduda. Zommulha xi tieqa miftuħa, mqar fix-xitwa, Tħallux riħa tinten fein tkun il muluda, u lebda ħmiej, la fein yidher, l-anqas fein ma yidhirx. Nies wisq ma yaġmlu l-ebda jid. Iżda haun f'Malta hauna id-drawwa ħa-żina li fil Maġmudïa il mistednin tinjabar ma dwar il muluda, u mbaġad yibda il ferħ. U in-nies meta tmur tifraħ il xi ħadd, yeu tara il xi marid, imorru mis-saġtein sa yidlam. U yekk il muluda, yeu il marid, yeu marida,

iridu yaġmlu xi ħaja, ma yistġux. Yen smait ħamsin muluda tbierek l'Alla li in-nies marru. Il friex tas-sodda imur maż-żmien tas-sena. L-ikel u ix-xorb ġandu ikun mwieżen. Il brodu tal fellus biss, u tat-tijiej spieca. Dauk l-imsieħen ta dari spiceau ukoll. Ma ġandhiex muluda tixrob silj, iżda l-anqas misħun li ijaġalha teġreq bħal fellus deyyem—ġandkom deyyem tarau li ħweyyijha ikunu ndaf u xotti. Yekk wara il ħlas ma tistax taġmel aurina yeu tmur minn wara, seyyħu lit-tabib, u aġmlu li iġedilkom: minn raskom taġmlu xein, ġax ma tistġux turdnau la jbara, la ħmayyar, l-anqas żeit tar-rijnu. F'xoġol it-tabib ma ġandkomx tindaħlu. Biss, ķif ġedtilkom, meta hemm xi emorrajïa, tistġu tmiddu ideikom, sa kemm yigi, biex tijbru ġoqda il juf.

Tayyeb li tkunu tafu taġmlu jbara u ħmayyar, ġad li ma tistġux turdnauhom. Ġall jbara tkunu tridu it-tqieq tal kittien u misħun yaġli. Jbara ma ġandux ikollha ġoqod bħalli kieku ġasida li nieklu. Tista issir tal ħobs ukoll, mfarrak rqieq. Ferrġu jewwa skutella, yeu friskatur kemm yidhrilkom tridu ġal kobor tal jbara, mbaġad b-îd il waħda itfġu ftit ftit it-tqieq, u bl-oħra ħawwdu deyyem, sa kemm tebies. Bil ħobż ġair li tħawwdu deyyem, ġandkom tfarrkuħ ukoll. Biex taġmlu ħmayyar tas-senapa yeu mustarda, arau l-ewwel li ma tkunx maqtuġa,—mbaġad ħawwduha bħal l-ewwel; iżda tmissux ġaineikom. Ġas-senapismi, mux biss tistġu tġaddu minn ġair misħun,

iżda bil kiesaħ isiru aħyar, yiju iżyed qawwïa. Meta yidhrilkom li tkun saret il jbara yeu lest is-sinapismu, ġandkom tifirxuħ fuq bicea carruta, u is-sinapismu yoqġod ukoll fuq karta. Mbaġad biex ma timleux kullimkien, aqilbu wisa ta xi saba' fuq il jbara yeu senapismu ix xifer tac-carruta yeu tal karta, u yiju bħal inkwatru. Il jbara titqiġed sħuna kemm yissaportiha dak li ikun. U biex ma teħilx, idilkulha wiccha b'qatra żeit il-leuż, yeu xi ħaja oħra, u żommuha fein ġandha toqġod b'nofs maktur, yeu maktur sħiħ, bħal ingravata: inkella b'faxxa. Xi daqqiet it-tabib yordna xi unguent ġal fuq il jbara. Is-senapismu ġandu yinżamm sa kemm wiħed yista'—qatt iżyed minn tliet kwarti; ġax yekk idum iżyed, yaġmel bħal viżikant, u il viżikant tas-senapismu idum ma ifieq wisq. Yekk il marida yeu minn ikun, ma iħossuhx yaħrak, ġandkom tarau wara xi ġoxrin minuta yekk il jilda ħmaritx. Fit-tfal, u fin-nisa boyod, is-senapismu maġmul bis-senapa weħidha, yisloħ malair—ġalhekk mas-senapa ġandkom tħalltu in-nofs yeu iżyed tqieq tal kittien. Nkella aġmlu jbara tat-tqieq tal kittien, kif ġedtilkom, u roxxu fuqha ftit senapa. Daż-żmien, ġand is-sinyuri ġandkom mnein issibu senapismi tal karta. Dauna huma ħfief wisk, u meta huma taibin, qawwïa ukoll. Ikunu tużżana qeġdin jewwa eaxxetta tal-landa. Aqelġu wiħed, xarrbuh fl-ilma, ixxuttauh ftit, u qeġduh fein hemm l-ujiġ, yeu fein yordnalkom it-tabib. Wara

li tneħħu is-senapismu idilku fein kien bil glicerina, vaselina, yeu kolkrîm.

U kif tqabdu id-dudiet tad-demm, is-sangisugi, u kif tistanyau id-demm wara li ikunu telqu, yekk yibqa' ħierej wisq? Fein ikollkom il ħsieb tqeġduhom ġandu ikun nadif u bla riħa. Aktarx tkun iż-żaqq: ġandhom mnein ikunu żeuj tużżani. Eħfef meta ikunu bosta. Neħħuhom mill-ilma, sawwbuhom kollha mill flixkun jewwa friskatur, ijbruhom jewwa ħarqa, tħalluhomx nedyin, oġorquhom ftit bil ħarqa u kollox bein ideikom, mbaġad aqilbu idkom fuq żaqq il mara u stenneu sa kemm yaqbdu. Yekk ikunu ħafna, qassmuhom erb' erbġa lhaun u lhinn. Wara li yitilqu, biex ma imutux, ixhtuhom f'xi ħaja bir-rmied, u ħalluhom sa kemm ikeccu id-demm li ikunu redġu. Yekk ma yeqafx id-demm, twaqqfuħ billi tqeġdu fuq kull toqba daqs cicra tayyar u ġal ftit iżżommu sebaġkom fuqha; yekk yibqa' ħierej, xarrbu it-tayyara b'naqra spirtu tat-termentina, yeu b'xi ilma minn ġand l-ispiżiar li iwaqqaf id-demm. Yekk ma iżommx, ibaġtu ġat-tabib. Daqqiet bicca lixka, sponża fina, ftit rix tar-russett yeu ġanqbuta twaqqaf id-demm bħal ħweyyej l-oħra li semmeitilkom u bħal ħafna oħra.

It-tabib yista' yordna ukoll xi lavattif biex inaddaf l-imsaren, yeu ġal xi medicina. Il lavattif ta-dari ma ġadu f-idein ħadd. Dażżmien bi ftit xelini is-sinyuri kolla ġandhom lavattif tal pompa. Meta tlestu l-ilma tal la-

vattif kif ikun iridu it-tabib, tqeġdu il pompa jewwa il friskatur yeu skutella kbira, u tibdġu tħaddmuh biex tneħħu ir-riħ li ikun hemm jewwa fih. Arau li ma iddawwrux minn fein yoħroj l-ilma lein xi ħadd, ġax timleuh, dawwru mnein yoħroj jewwa l-iskutella. Daqqiet ġandu ikun sħun yeu kiesaħ. Yekk il mara ma ġandhiex twittïa taħtha, qeġdulha waħda, u meta ikollkom kollox f'waqtu, idilku mnein ġandu yoħroj b'naqra żeit, u daħħluh jewwa il fundament minn ġair ma twejjġu lil mara. U ġandkom iddaħħluh sa dik li donna forma, u tuqha qeġdu żeujt iswaba: wiħed kull naħħa biex ma toħrojx. B-idkom tal-lemin ibdġu tellġu u niżżlu il pompa, yeu aġsru il bużżieqa tannofs yekk il lavattif ikun minn dauk bil bużżieqa. Wara li tkun tfait kemm ikun qallek it-tabib, oħroj it-tarf mill fundament, u wissi lil mara li tijbor il fundament biex ma yoħrojx malair.

Meta it-tabib yordna xi qtar ġal lavattif, yen deyyem ingid lil qabla yeu lil min ikun idur bil marida, illi il qtar ġandu yinġata b-lavattif ckeiken tal ħjiej ta xi uqitein. B-lavattif tal pompa ma tistax tati qtar, ġax biex ma iddaħħlux riħ, ġandkom tħallu deyyem sieq il-lavattif mġarrqa jewwa l-ilma tiġu fl-iskutella.

It-tabib ġandu mnein ukoll iġidlek biex tieħu is-sħana tal marida bil ħjieja. Intom raituha l-Isptar din il ħjieja. Tkun donnha bicca lapes, mtaqqab rqieq minn tulu, u naħħa yibda b'tarf bħal ras. Ikun qiġed jewwa stocc

tal ġuda yeu tal fidda. Naħħa il waħda ġandha it-tarf ileqq, bl-arjentu vivu. Ma tulha mbaġad hemma taqsim, u kull ħames taqsimiet hemma numru. L-ewwel wiħed lein l-arjentu vivu yuri 95—ittieni 100—ittielet 105—l-aħħar 110. Bein kull żeuj taqsimiet hemma ħames singi. Meta nqeġdu jewwa ħalqna in-naħħa ta l-arjentu vivu, u ġal erba' minuti nżommu ħalqna maġluq sewwa biex ma iġaddix riħ li yista ikessħu, l-arjentu vivu yisħon u ġalhekk yitwassa u yikber, u yekk iżżomm ġainek fuq din il bicca ġodda tat-tobba, tara il merkuriu tiela ftit ftit fin-nofs tiġu, sa kemm yeqaf f'xi sing. Ibda ġodd is-singi minn 95 il fuq. Yekk aħna ma ġandniex deni, insibu illi l-arjentu vivu waqaf fin-numru 98 u tliet singi, ġax dina hia is-sħana ta wiħed f'saħtu. Dażżmien daun it-termometri yaġmluhom sbiħ wisq, hemma minn dauk li iqumu lira, imma b-ġaxra yeu ħmistax il xelin nixtru wiħed tayyeb. L-isbaħ ħaja li ġandhom hia il werrei. Dana hu ftit merkuriu li fil ġamil tat-termometru l-imġallem iħallih maqtuħ mill bqïa. Meta il merkuriu yidba tiela', yarfa miġu il werrei, mbaġad meta yeqaf, nieħdu it-termometru minn taħt spallet il marida, il werrei yibqa' fein ikun, u aħna nistġu narauh sewwa f'id-daul. Oħrain ġandhom werrei maġmul kif iħor. U it-termometri ta dażżmien ġandhom ukoll li yiksbu il werrei ġal dauk li ma tantx yarau. Qabel ma tqeġdu it-termometru, il ħin li ikun qalilkom it-tabib,

qiesu li il werrei ikun taħt in-numru tas-sħana tas-saħħa. Yekk ma ikunx, ġandkom tniżżluh, qabel ma tqeġduh taħt l-ispalla. Aqbduh sewwa b'idkom tal lemin, rasu in-naħħa ta' sfel u likbuha fuq idkom l-oħra magluqa, yeu fuq irkobbitkom: qiesu li ma taħbtuhx it-termometru. Nkella tistġu tferfru driġkom bit-termometru f'idkom.

Meta hemma id-deni il merkuriu yitla' iżyed, u f'xi mard yista' ma yilħaqx sa 98.3. Hekka ġandkom tiktbu is-sħana li issibu. L-ewwel iktbu in-numru tat-taqsima, waraih qeġdu pont, mbaġad iktbu kemm il sing ikun hemm mill ħamsa ta bein it-taqsim. Ġair fil ħalq, aktarx nqeġduh fil ħofra ta l-ispalla. Hauna ġandkom iżżommuh seba' minuti. U qisu illi it-tarf tal merkuriu ma ikunx mqabbes min-naħħa ta wara, ġax yibqa' kiesah u iqarraq bikom.

Issa narau x'ġainuna tista' tkun trid it-tarbïa qabel u wara it-twelid. Ġedtilkom li meta fomm it-tarbïa iġaddi mil vulva, ġandkom tarau li ma ikunx misdud, lanqas li yinsadd. Meta il wicc yiji l-ewwel, it-tarbïa titwieled kerha wisq, u ġalhekk turuhiex lil ommha qabel ma tibyad u tmurilha ftit in-nefħa; u meta f'danil ħlas titkixxfu b'sebaġkom fil vajina, arau li ma taġmlux xi ħsara lil ġainein it-tarbïa. U yekk tarau li il-leħya fil qaġdict ta wara ma'ddurx il quddiem, ibaġtu ġat-tabib. Meta it-tarbïa tiji bit-tarf tal warrani, hua u qiġed yitwieled jisimha, ġandkom tweżnuh biss

—arau li qatt tijbduh biex tfittxu twildu il mara, ġax iżyed ittawwlu il ħlas. F'dan il ħlas, yinħtiej li ir-ras u id-dirġain yibqġu mitnïa fuq is-sider; yekk yinfetħu, it-twelid tar-ras aktarx ma ikunx yista' isir minn ġair idein it-tabib, u daqqiet it-tarbïa ikollha tit-qatta'. U kull meta wara li ikun twieled il jisem, ir-ras ma tijix, iftħu ġaineikom u la tijbdux; seyyħu lit-tabib. Bħal fir-ras, il kur-dun yista' iġaddi m'irqieq tat-tarbïa; kif tin-dunau, qabbżuħ fuq wirkha, u yekk ma tistġux, la tijbdux żcyyed ġax taqtġuh. Ġandkom is-seyħu lit-tabib.

Wara it-twelid, l-ewwel ħaja li taġmlu, meta titwieled it-tarbïa tarauh biex ħayya, u tieħux in-nifs. Meta twerżaq, u ticcaqlaq, tarau biss li ħalqa ma imissx ma imkien, ġax tifga malair. Daqqiet ġad li ma turix li hia hayya, ma tkunx meita, tkun ġaxia. Arau deyyem ħalqha ma ikunx misdud b'xein. Daħħlu sebaġkom il werrei u ħammluh. Daż-żmien ma'nħallux it-tarbïa titwieled bil borqom, ġax l-isqïa ġandha tinqasam fil waqt. Tarbïa ġaxia tista' tkun kaħla, yeu baida. Meta hi kaħla, aqtġu malair il kurdun u ħallu toħroj xi kuccarina demm. Mux iżyed. Kif yoħroj id-demm, wiccha yibyad. Yekk tkun baida, orbtuh u ħuduha fein hemma id-daul u quddiem xi tieqa. Roxxu ftit ta l-ilma fuq wiccha, idilkulha sidirha b'idkom, yeu b'xi naqra brandi, capcpulha fuq wiccha. Yekk ma teħux nifs, ukoll meta tkun kaħla, ġandkom ijjaġluha

tieħu in-nifs bis-senġa. Qisu li ikun hemm xi nifs miftuħ fil kamra. Hallu it-tarbïa fuq daharha, aqbdulha dirġaiha minn minkbeiha, u jibuhomlha qaila qaila ma jenb rasha minn ġair ma terfġuhom oġla minn jisimha. Caqelqulha hekk dirġaiha darbtein kull minuta. B'dana ic-caqliq ma taqbadx tieħu in-nifs f'daqqa waħda. Yekk tkun kaħla, leunha yibda yiftaħ f'wiccha u f'xufteiha, u yekk tkun baida taraha tibda tieħu il-leun. Mbaġad wara ftit ġandha mnein taġmel xi ħiss b'ħalqha u sidirha yiccaqlaq. Taġmel hekk ġal ftit drabi, mbaġad tijbed nifs wiħed, wara ftit iħor, kull ma tmur iżżid, fl-aħħar tati twerżiqa. Terħuhiex malair ġax tarja tmur. Yekk ma tridux taġmlu kif ġedtilkom, tistġu iccaqelquha kollha minn naħħa il waħda ġall oħra. Kif tkun fuq daharha, aqbduha b'id il waħda minn spalla, u b-idkom l-oħra mn' ingroppitha ťa din in-naħħa, u erfġuha fuq jenbha l-iħor, u erjġu jibuha ġal daharha. Yen ġayyixt kemm il tarbïa, li illum saru nisa u rjiel billi taithom in-nifs kif ġedtilkom l-ewwel u issa. Iżda qabel ma tibġu tatuha in-nifs bis-senġa, yekk ma tkunx îlha li twjeldet, qeġdu idkom fuq sidirha sħuna, mbaġad kiesħa, ġaddsuha kollha barra minn rasha ġal kemm taġlaq ġaineikom jewwa il misħun yaħraq sewwa. Din il ġaddsa fil misħun yaħraq iġidu li hïa taiba wisq. Xamm'mulha qatra ammoniaka ukoll. Tixbġux malair taġmlu dana kollu li qiġed nġedilkom. Yen deyyem ħasseitni ntir bil ferħ meta ġayyixt hekk tarbïa

li kienet tidher meita, u stagġjibt x'tista' tagħmel is-senġa. Issa ħalleit ġall aħħar biex iżyed tibqġilkom f'raskom, ħaja li ġandkom tagħmlu deyyem kull meta ikollkom xi biża fil ħlas li it-tarbïa tista' titwieled meita, yeu meta titwieled u tkun ġaxia. Din hïa il forma tal magħmudia—ġanna nagħmlu kull ma nistġu biex natuha lit-tarbïa li tinsab filli ġedtilkom. Il forma tal magħmudia tista' tinġata fuq kull naħħa li tarau yeu tmissu tat-tarbïa. Yinħtiej li l-ilma nadif li tferrġu yeu titfġu fuq it-tarbïa yagħmel is-sinyal tas-salib fuq jisimha, inkella ma tkunx sewwa. Ġandkom l-ewwel tagħmlu il ħsieb li tġammdu kif trid il Knisia Nisrania Rumana, mbaġad b'ħaja biż-żennuna titfġu l-ilma ġal tliet darbiet bħal salib, u tġidu "Yen nġammdek fl-Isem tal Missier, ta l-Iben u ta l'Ispirtu Santu," u tġedux Amen. Yekk ma tkunux tarau sewwa yeu tafu sewwa li it-tarbïa hïa ħayya, yeu yekk yidhrilkom li hïa meita, qabel ma tġidu il kliem tal magħmudïa ġidu: yekk inti ħayya u tista' tkun mġammda, yen nġammdek fl-Isem tal Missier u il bqïa—yekk ġandek tati il forma fil-vajina ikollok tixħet l-ilma b'seringa ckeikna tal ħjiej.

Semmeitilkom ilu ftit, li ġanna norbtu il kurdun. Il bheyyem igiddmuh bi snienhom. Hekk yeu hekk, demm ma yoħrojx. U yekk it-tarbïa tieħu in-nifs sewwa, lanqas yista' yoħroj demm wisq. Qabel ma torbtu il kurdun, qiesu li fein iż-żokra ma ikunx hemm jewwa fih xi milwa tal musrana. Meta tkun hemm,

fein yibda il kurdun ikun oħxon, u yekk tisbkuh ħelu ħelu lein iż-żokra, tħossu bħalli kieku li xi ħaja tiżloq il jewwa. Meta hu hekk, qabel ma torbtu qeġdu sebaġkom fuq iż-żokra, u ġar-rabta dawwru il ħaita, tal ġażel ġal sitta yeu tmienia, mġoddia minn fuq ix-xama, minn taħt il kurdun ġal darba, u orbtuha, mbaġad erjġu ġaddu it-truf minn taħt, jibuhom il fuq u ġamlu żeuj ġoqdiet. Ir-rabta ġandha tkun xi tliett iswaba miż-żokra. Sa torbtu arau li ma tijbdux leinkom il kurdun. U ġandkom tqeġdu żeuj rabtiet, wahda lein iż-żokra, l-ohra lein il placenta, u fil qtiġ ġaddu il kurdun bein żeujt iswaba, u aqtġuh f'ħofriet idkom. Aqtġuh b'imkass bla ponot. Yekk ma tkunux mġajjlin, orbtu il kurdun meta ma yibqax iħabbat. Wara li torbtu il kurdun, qeġdu it-tarbïa fuq is-sodda t'ommha, yeu x'imkien iħor, mgeżwra jewwa sufa b'halqha mikxuf. Arau kif inhïa l-omm, u aħsbu biex taħslu it-tarbïa. L-ilma ma ġandux ikun sħun żeyyed, anqas milli tħossuh yaħraq intom (28° R) tmienia u ġoxrin tat-termometru ta Reaumur. Żommu it-tarbïa bil qeġda fuq idkom u driġkom tax-xellug, sebaġkom ic-ckeiken taħt spallitha, is-swaba l-oħra iżommu l-occipite, il polz ta idkom f'ħofriet ġonqha, u ftit minn driġkom taħt daharha. B'idkom l-oħra taħsluha b'sufa, sponża rqieqa, u sapun tayyeb. Taħt spalleiha, fit-tinyêt ta jisimha u rasha—ġandkom l-ewwel tidilkuh b'isfar ta baida. Mbaġad yiju l-isponża yeu is-sufa, u ġaddulha jisimha

kollu u rasha tayyeb, u isfuha. Ixxuttauha sewwa, tħalluhiex niedia. Farfrulha ftit trab fil-tinyêt, arau yekk hux ħierej yewwilla xi demm mill kurdun, hïex maġmula sewwa, ġandhiex it-toqob kollha, u libbsuha. Lbies imur maż-żmien: fis-saif ħafif, fix-xitwa iżyed oħxon. Deyyem tkunu tridu il ħżiem rqieq tal kurdun u il bicciet, il ħżiem tal jisem, qmis, libsa qasira, mbaġad xi oħra tal fustan yeu tas-suf, u il libsa it-twila tat-trabi. Tkunu tridu xi skufia, ħarqa ġal bein wirkeiha, u xall yeu bicca tas-suf biex tgeżwruha jewwa fiha. Ibdġu bil kurdun: il bicca tal ġażel wiesġa ftit inqas minn żeujt iswaba kull naħħa ġandha tkun maqsuma san-nofs tagħa. Jewwa dana ix-xaqq ġaddu il kurdun, u aqelbuh lein naħħa waħda; itnu fuqu in-nofs l-iħor u dawwru il faxxa u ehmżuha b-labra bis-sokra irqieqa. Mbaġad tiji il qmis u il libsa il qasira u il fisqïa tal jisem; ħallulha saqaiha u dirġaiha barra, qeġdulha il ħarqa ta bein wirkeiha, bħal nofs maktur mitnïa ġal tnein, in-nofs fuq nofs daharha, jibu it-truf fuq żaqqha, tnein miż-żeuj naħħiet, l-iħor minn bein wirkeiha, u ehmżu daun it-tlett itruf b-labra tas-sokra mal fisqïa. Fl-aħħar libbsuha il-libsa it-twila u geżwruha jewwa ix-xall, yeu bicca sufa kaħla yeu ħamra, in-naħħa l-imdawwra toqġod taħt ir-ras, it-tarf tawwali yinqaleb quddiem, iż-żeujt ijnub yintneu fuqu u ehemżuhom flimkien. It-tarf taż-żokra yaqa' ma dwar ġluq jimġa.

Issa hauna f'Malta aktarx li bil muluda iduru in-nies tad-dar. Emma l-Ingliżi u barra minn Malta hemma nies li yitġallmu kif ġandu wiħed ijib ruħu ma marid. U ġal muludin hemma minn dauna in-nies ukoll, li yeħdu ħsieb tal omm u tat-tarbïa. Iżda aktarx intom ikollkom taġmlu xi ħaja mid-dauran mal muluda, il bqia in-nies tad-dar. Ġair il ħasil, tarbïa tista' trid bosta ġainuna sa kemm tibda toħroj. Intom ġandkom taħsluha ġal jimġa yeu tnein, darbtein kull yum. Tbiddlulha il bicciet taż-żokra, u tarau li tmur minn wara, u tieħdu ħsieb l irdiġ. Yekk ma tmurx minn wara, it-tabib yordna xi naqra jlebb tar-rużell, yeu tar-rebarbru, yeu ftit żcit nofs kuccarina tal kafè. Yekk l-omm ikun jieha il ħalib, tista' tqabbad it-tarbïa kif titwieled. Inklelè tistenna: tħalluhiex tqabbadha, ġax yekk ma ikunx hemm ħalib, it-tarbïa ma taqbadx, u il muluda u niesha yaġmlu ħafna ġaidut, ġajeb u ħobb il mara ibati. Arau u tħallu il xiħadd yatiha l-ewwel redġa. Ġall ewwel erbat iyem, biex tradda' il mara ma ġandhiex toqġod bil qeġda. It-tarbïa taqbad kif iddarriha, ġax ma taf xein. M'hux tasseu dak li yinġad li ma tridx taqbad hekk yeu hekk. Qisu li tkun qeġda sewwa u tista' tarda u tieħu in-nifs u intom tarau li taqbad malair yekk issib x'tarda', inkella titħabat, u tġayyat, u ma taqbadx lanqas yekk iżżommulha rasha ma sider l-omm bir-ras f'ħalqba. Sa kemm l-omm ma ġandhiex ħalib, it-tarbïa ġandha tixrob ftit ilma fietel biz-zokkor, yeu

bl'ilma żaġar, yeu xi ftit mġolli tal kamumilla yeu tax-xġir. Li ma tardax ġal xi ftit yiswielha, ġaliex billi tixrob, titnaddaf minn jewwa. Kull meta tarda, qisu li mneħirha ma ikunx imiss ma mkien. Arau li iddarruha kollox sewwa, u kunu afu li tidra kull ma tridu u malair. Jaġlu il mara treddagħha bil ħin, biex il quddiem ma tħabbathiex u tħalliha iddur mad-dar. Tħallu il ħadd iżengel it-tarbïa, u iddarruhiex iż-żamm ta l-idein. In-nies iġidu: "ma tridx toqġod fin-nieqa, kif immidduha taqbad twerżaq, drat l-idein" In-nies ikunu darreuhomlha. It-tarbïa ġandha toqġod fin-nieqa yeu f'sodda żġira, mkenn'na, mwarrba mir-riħ u mid-daul; u taħsbux li kull meta tibki, tkun bil ġatx. Tarbïa ma tafx turi xi trid ħlief bil biki. Yekk tkun bil ġatx, tibki; tħoss il ġomma, tibki; qeġda ħażin, tibki; tatha wejġa, tibki. Wissu lil ommha, li ma treddagħhiex kull meta tibki, ġax tġarrqilha l-istônku tagħha.

Tarbïa ġandha toħroj barra, wara ġoxrin fis-saif, erbġin fix-xitwa. Aktarx aħna noħorjuha wara erbġin deyyem, u l-ewwel darba tkun ġal Knisia, biex issir il Preżentazzioni tagħha lil Madonna.

Fil Maġmudïa, il qabla ġandha tati lil Kappillan l-isem tal missier u ta l-omm, u yekk il missier ma iridx yuri ruħu, yekk intom tiktbu it-twelid lil Pulizïa tatu ta l-omm biss, sewwa yekk trid yeu ma tridx. U iftħu ġaineikom li ma tatux xi isem li tkunu tafu m'hux ta dik il

mara li wildet f-ideikom. Lil Kappillan atu l-isem tal Parrini ukoll, u l-isem li tati l-omm lit-tarbïa u dak li ġandha tissemma bih. Ġedulu meta twieldet, u yekk ġandhiex il Forma. Waqt il maġmudïa tieħu ħsieb li tneħħi l-iskufia meta il Kappillan ikun seyyer yixħet l-ilma fuq rasha, u twarrab il ħweyyej minn fein ġandu iqiġed iż-żeit Mqaddes. Wara kollox ġandha tlibbes it-tarbïa l-iskufia taż-żeit u l-oħra, u tġeżwirha fix-xall bħal ma kienet.

---

# IT-TLITTAX IT-TAQSIMA.

## HLAS TEUMI.

Taġerfu il ħlas teumi, ġax wara l-ewwel tarbïa iż-żaqq tibqa' kbirawisq iżyed milli kieku kien hemm tarbïa waħda. It-tieni tarbïa tista' ticcaqlaq sa kemm ma yarjax yaqbad l-ujiġ. Yekk tkunu raitu il mara qabel il ħlas, tkunu tafu li żaqqha kienet kbira bosta, ġandha mnein tkun saqsietkom ġandhiex tnein, ġax xi ħadd qallha hekk. Żaqq mara mġobbïa bi tnein, tkun bħal ta żrinj wiccu il fuq, watia fin-nofs, imħattba fil jnieb. It-tabib yista' ikun li issamma, yeu intom, ġat-tektik ta qalb it-tarbïa. Iżda yekk ma tkunu raitu qatt il mara, dak li ġedtilkom, u dak li iġarraf sebaġkom meta iddaħħluh fil vajina, iġedilkom yekk hemmx tarbïa oħra. Il placenta ma tkunx fil vajina, il fomm ikun miftuħ iżyed, u ġandkom mnein

issibu sqïa oħra, yeu xi naħħa tat-tarbïa. Yekk ma yijri xein, la demm, la treġid, la ġaxwa, ġandkom tarau kif tatu l-aħbar li ħemm tarbïa oħra. Xi nisa yeħdu ferħa, oħrain qatġa kbira, daqqiet ġaliex ikunu fqar yeu b'ħafna tfal, daqqiet ġaliex yibżġu. Lil ta l-ewwel tġedulha malair, lil oħrain it-teġmilhom ftit, issabbarhom u tġedilhom li it-tieni ħlas ikun ħafif u li Alla yaħseb ġal kull-ħadd. Billi ikun hemm tarbïa oħra it-tabib ma yinħtiejx. Stenneu sa yitħarrek l-ujiġ, u ġeinu il mara u it-tarbïa kollox kif ġedna. Yekk l-ujiġ idum, missu ftit żaqq il mara, idilkuhielha, u yekk iġaddu saġtein, ibaġtu ġat-tabib.

Fil ħlas teumi it-trabi aktarx yiju ras u denb. Ta l-ewwel b'rasha, tat-tieni b'it-tarf tal warrani, yeu it-tnein yitwieldu b'naħħa waħda. Fil ħlas teumi wiħed ġandu yistenna deyyem li yista' yinqala' xi ħaja, xi demm, yeu wara xi deni, ġaliex billi il juf kien mfettaħ wisq, ma yinjabarx malair u sewwa bħal meta kellu tarbïa waħda.

Lhaun u lhinn, semmeitilkom iżyed minn darba, li xi daqqiet il ħlas yaħtiej il ġainuna tat-tabib. Isseiħu it-tabib :

1. Meta it-tarbïa ma tijix bit-truf il quddiem ;
2. Meta fil ħlas tat-truf tinqala' xi ħaja li biha tista' tmut l'omm yeu it-tarbïa, bħala treġid kbir tal jisem, telf ta demm, xħit kbir, ġxiewi, demm mill

ħalq, telfa ta ras, daurien ta ras, yekk meta il mara ma tkunx tiflaħ ġall ujiġ, yeu titħabat iżyed milli imissha, yeu meta l-ujiġ yeqaf ġal kollox, yeu yibred fit-tieni żmien tal ħlas;

3. Meta ikunu ġaddeu iżyed minn sitt siġat wara il qasma ta l-isqïa, u it-tarbïa tibqa' wieqfa,. mwaħħla, ġad li hemm ujiġ biż-żeyyed;

4. Meta minn naħħa tat-tarbïa li tkun quddiem, ikun hemm driġ, yeu rijel, yeu il kurdun;

5. Meta il placenta tiji quddiem. Sa kemm yiji it-tabib, qeġdu il placenta fil mis-ħun, li ma ikunx yismot—iżyed minn fietel. Tkunu tafu li il placenta jeyya l-ewwel, ġaliex fil fomm tal juf issibu ħaja kbira, ratba, bħala sponża. Ġandi nġedilkom li aktarx meta il placenta tiji quddiem, tkun mwaħħla mal fomm, u fl-aħħar xhur tal ħbiela il mara ikollha kull ftit telfa kbira yeu żġira ta demm. Ġalhekk kull meta mara fil ħbiela titlef, ġandu ikun yaf it-tabib tad-dar, biex meta yibda l-ujiġ, yoqġod fein yinsab malair;

6. Meta il wicc ma idurx il quddiem fil ħlas mill wiec;

7. Meta ir-ras, yeu id-dirġain yintefħu fil ħlas mit-tarf tal warrani;

8. Meta il placenta ma tijix, saġtein wara it-twelid tat-tarbïa;

9. Kull meta yinqala' xi ħaja, xi taġwij;
10. Wara li yitwieled rimi, biex yeħu ħsieb tal placenta.

# L-ERBATAX IL TAQSIMA.

## RIMI.

Nġidu li mara rmiet, meta it-tarbïa titwieled qabel ma tista' tġix barra minn ommha qabel is-sitt xhur u nofs. Wara dana iż-żmien, yekk it-tarbïa titwieled qabel żmienha, ikun ħlas qabel il waqt. Ir-rimi yijri kull meta il jabra tal juf tkun qabel il waqt, u dana yijri ġal ħafna kausi mill omm, u meta tmut it-tarbïa. Ġalhekk nindunau li jei ir-rimi, ġax il mara yaqbadha l-ujiġ, yeu tara xi demm, yeu turi is-sintomi tal meut tat-tarbïa, li huma: il mara tħossha ħażin, ġandha tkexkix tal bard, deni, ħobbha yirtab, ma tħossx it-tarbïa, ġandha bħal ġoqda li titħarrek minn naħha il waħda ġall oħra kull meta ticcaqlaq. Ir-rimi yiji wara ġalya yeu ferħa, daqqa fuq iż-żaqq, qabża, mixya kbira bir-rijel yeu bil karrozzini, u taħbit, it-taġwij, il mard tal juf, dieq tal pelvi, mard tal omm, u ħafna ħweyyej oħra ijibuh ukoll. Kull meta yidhru xi sintomi ta rimi, nebbħu lit-tabib. Yekk tinsabu ma mara li ġadha kemm rmiet, yeu kontu magħha qabel it-tliet xhur, ġandkom taqsmu il baida u tatu il Forma tal Maġmudïa bil condizzioni, u yekk il baida ma tidhirx, ficcuha fid-demm

maġqud li tġaddi yeu li tkun ġaddiet il mara. Tħallu xein minn dan id-demm maġqud yintrema minn ġair ma tarauh sewwa intom. Wara it-tliet xhur aktarx ikun hemm il qasma ta l-isqïa, u it-tarbïa yeu rimi yoħroj ħieles bħal fl-aħħar tal ħbiela.

---

## IL ĦMISTAX IL TAQSIMA.

### MOLI.

Dak l'in-nies iseyyħu mola, ma hux ħaja oħra ħlief demm maġqud. Il mola tasseu issir minn ħbiela mħassra. Hemm il mola tal laħam li aktarx issir mil placenta, u il mola tal ġanqud, li tkun bħal ġeneb, u issir mixxniexel tal korion. Dauna il moli ijibu ħass ħażin bħal fil ħbiela ġall ewwel u is-sintomi razzionali tal ħbiela, u il ballottament ukoll, iżda is-sintomi posittivi ma yaslu qatt, u il mara tibqa' tistenna. Aktarx meta isiru dawn il moli, yindaħal it-tabib, ġaliex il ħass ħażin tal mara ma ikunx bħal ta dari.

Mbaġad hemma il ħbiela li ma hix tass... il ħbiela falza. Mara miżżewja ikollha is-sintomi kollha razzionali tal ħbiela, u ma ikunx hemma ħlief nervi, steriżmu. Il mara, li deyyem tkun mdaħħla fiż-żmien tixtieq it-tfal, u billi deyyem tixtieqhom, tispicca biex tibda tħoss bħal ma iħossu in-nisa fil ħbiela sewwa. Yekk wiħed yitwaħħax wisq, meta ikun tiela' xi taraj waħdu fid-dlam u binhar ukoll, yeu yinsab bla ħsieb f'xi dar waħdu, yeu

barra bil leil, bil biża ġaineih yuruh il fatati u ir-rwieħ. Minn dan ma ikun hemm xein; u hekk il mara ma tkunx tqila.

Iżda xi daqqiet mard tal juf yeu tal ġanqud, yeu xi mard iħor, inbidel ma ħbiela. Hasbu li mara kienet tqila, u kienet marida—kull xi daqqa nisimġu xi ħaja hekk; iżda m'hux daqs dari.

# IS-SITTAX IL TAQSIMA.

## QASMA TAS-SULTAN.

Meta mara tqila tmut qabel il ħlas bit-tarbïa jewwa jufha, il Knisia trid li tinxaqq żaqqha u li noħorju it-tarbïa biex natuha il Forma tal Maġmudia; u yekk tkun ta żmienha ġandha mnein tġix. Dana il Knisia trid li isir f'kull żmien tal ħbiela, u yekk ma ikunx hemm tabib biex yaġmel din il qasma, il Kappillan, yeu il qabla, yeu min ikun hemm ġandu yaġmilha. L-aħyar l'issir mit-tabib, u ġandha issir bħalli kieku il mara kienet ħayya. Din il qasma fil meut issir ftit taż-żmien wara l'il mara tkun mietet, u qabel ma naġmluha ġanna narau sewwa li il mara tkun mietet. U aktarx ħadd ħlief it-tabib ma yaf yara yekk il mara tkunx meita yeu ġaxia. U taħsbux li hïa ħaja ħafifa li tġid yekk wiħed hux meyyet tas-sewwa. Ġalhekk fittxu deyyem li ikun tabib biex yaġmel din l-operazzioni. Iżda tistġu tkunu fein ma hemmx tabib, u intom

bħala Nsara ġandkom tatu il Forma tal Maġmudïa. Iżda fuq dana il ġorrief ma yaqblux fil fehma. Meta ma tistġux teħilsu minn dina l-operazzioni, intom ma tistġux taġmluha kif trid is-senġa—ġalhekk ma tistġux taġmlu ħaja oħra ħlief ixxoqqu żaqq il mara miż-żokra sal pube, il juf u il membrani, u bla telf ta żmien toħorju it-tarbïa u tġammduha. U biex taġerfu yekk il mara tkunx meita, issemmġu lil qalba, u missulha il polz. Iżda narja nġid li dana kollu ġandu isir mit-tabib, ġaliex hu yaf jaġmel daun l-operazzionïêt kbar, li isiru ukoll fil ħayya meta il ħlas ġad-dieq tal pelvi ma yistax isir minnġair taqtiħ tat-tarbïa. Meta hu hekk, ma hemmx x'isir biex titwieled it-tarbïa ħlief il qasma tas-sultan. Illum dina l-operazzioni saret ħafna drabi, u ma nafx kemm il darba, l-omm u it-tarbïa baqġu ħayyin.

# WERREJ.


1. Fuq il jisem u 't-tnissil ... ... ... ... p. 5
2. Fuq il baida ... ... ... ... ... ... 18
3. X'ijjib il ħbiela ... ... ... ... ... 19
4. Fuq it-tarbïa ... ... ... ... ... 31
5. Ijiene tal ħbiela ... ... ... ... ... 36
6. Fuq il ħlas ... ... ... ... ... ... 41
7. Prezentazzioni tal wicc ... ... ... ... 55
8. Prezentazzioni tat-tarf tal warrani ... ... 56
9. Ijiene tal ħlas ... ... ... ... ... 58
10. Wara il ħlas ... ... ... ... ... 60
11. Ijiene ta wara il ħlas ... ... ... ... 62
12. X'ġandha taġmel il qabla meta iseyyħulha ġal mara b'ujiġ tal ħlas ... ... ... 66
13. Hlas teumi ... ... ... ... ... ... 99
14. Rimi ... ... ... ... ... ... ... 102
15 Moli ... ... ... ... ... ... ... 103
16. Qasma tas-Sultan ... ... ... ... ... 104


TMIEM.